

30 SENA 1981-2011

NEWSPAPER POST
ISSN 2221-576X

# IL-BELT VICTORIA

Pubblikazzjoni bimensili tal-Bażilika ProtoParrokkjali ta' San Ġorġ | Għawdex

LULJU – AWWISSU 2011

Nru 181

## Gaudet Omnia Res Gaulitanæ Insulæ

*Jifraħ dak kollu li hu Għawdxi għax tiegħek, Ġorġjan...*

*mill-Ewwel Priedka tat-Tridu ta' San Ġorġ 2011, Kan. Joe Zammit*









FESTA SAN ĠORĠ 2011 | paġni 4-8, 28

IL-BELT VICTORIA: 30 SENA SERVIZZ | paġni 13-17

# Editorjal

UFFICCJU EDITORJALI
Ufficcju Parrokkjali Bażilika San Ġorġ Triq il-Karità, Victoria VCT 1200, Għawdex
tel: 21 556 377, fax: 21 556 981, email: info@sangorg.org
web: www.stgeorge.org.mt radio: 104.00MHz FM Stereo

## Ħarsa lura u oħra 'l quddiem...

Din il-ħarġa qed timmarka t-tletin sena minn meta bdiet toħroġ din ir-rivista. Kien propju fil-Festa ta' San Ġorġ ta' l-1981 li bdiet toħroġ *Il-Belt Victoria*, u min dak iż-żmien ma waqfet qatt twassal il-leħen tal-parroċċa ta' San Ġorġ, għax dak hu l-għan għaliex twaqqfet u fih sa tippersevera. Minn hawn nirringrazzjaw lill-kollaboraturi kollha li b'xi mod taw il-kontribut tagħhom f'din ir-rivista tul it-tletin sena ta' storja tagħha. Aqraw il-*features* speċjali li f'din il-ħarġa u oħrajn matul din is-sena qed nippreżentawlkom biex infakkru dan l-anniversarju. Imma nħossu li għandna hawn niddedikaw dan l-editorjal lil tema oħra li qed tikkawża t-tħassib tagħna u ta' ħafna...

Hekk kif għaddiet il-festa prinċipali ta' gżiritna u l-ewlenija tar-Rabat f'ġieħ il-Patrun ta' Għawdex San Ġorġ, issa f'nofs Awwissu tiġi ċċelebrata l-festa ta' Marija Mtellgħa s-Sema. Għalina l-Insara din hi festa għażiża u maħbuba, u għalhekk nitnikktu naraw jum Santa Marija jiċċappas b'attività li xejn ma tagħmel ġieħ lil min jorganizzaha u żgur wisq inqas lill-Verġni Mbierka. Dan għax fost l-attivitajiet li jsiru f'beltna kull 15 ta' Awwissu hemm marċ li, bħala parti mir-rotta tiegħu, jgħaddi minn quddiem il-Bażilika ta' San Ġorġ. Meta dan jasal quddiem il-bażilika tagħna, jiżviluppa f'wirja ta' offiżi gravi u ripetizzjoni ta' xenati moqżieża fil-konfront tal-maqdes ta' Alla, fost il-kant ta' kliem oxxen, frażijiet dispreġġattivi indirizzati lejn il-qaddis patrun ta' Għawdex, tfigħ ta' gassijiet fl-arja fid-direzzjoni tal-bażilika, simboli assoċjati mal-qaddis tagħna bl-għan li jirredikolawh, tixjir ta' *banners* offensivi, u bosta ġesti oħrajn xejn xierqa. Niftakru wkoll meta snin ilu ntefgħet żebgħa lejn il-ħitan tal-bażilika... Hawn qed nitkellmu fuq fatti, evidenzjati minn filmati u ritratti, mir-rapporti fuq il-gazzetti, u minn bosta xhieda okulari, li ħafna drabi seħħu taħt l-istess għajnejn tal-forzi ta' l-ordni.

Għalhekk nistaqsu u nistennew tweġiba sinċiera fuq liema hi l-motivazzjoni vera wara dan il-marċ... Naraw differenza bejn li tifraħ int u li tweġġa' lil ħaddieħor intenzjonalment. Min ha jieħu responsabbiltà ta' dawn l-għemejjel? Għaliex min hu fl-awtorità qed jagħlaq għajnejh u jippermetti, donnu mingħajr ebda skruplu, li kull sena tirripeti ruħha din il-manifestazzjoni daqshekk barra minn lokha? Ikun għami min jaħseb jew irid ibellagħha lin-nies li dan il-marċ m'hu joħloq l-ebda tensjoni. Min hu ġenwin dan il-marċ ma jridux jgħaddi minn Pjazza San Ġorġ! Ma tridx wisq għerf biex tifhem li Pjazza ta' San Ġorġ m'hix ir-rotta naturali u loġika ta' dan il-marċ; tant hu hekk li l-marċijiet l-oħrajn kollha organizzati fl-istess festa jgħaddu minn postijiet oħra.

Żgur li dan il-marċ "ta' Santa Marija" ma jirriflettix ix-xewqa tal-Knisja lokali kif imfissra fid-dokument *Nirrestawraw il-festi flimkien* imxandar mill-Kurja ta' Malta fl-2009, fejn naqraw: "[Fejn teżisti] rivalità bla sens ma' parroċċi ġirien, il-marċi m'għandhomx jersqu lejn dawn il-periferiji. Fejn dan huwa impossibbli fil-prattika, wara li jingħata l-permess ta' l-Awtoritajiet tal-Knisja għal din l-eċċezzjoni, il-banda għandha tibqa' għaddejja minn dawn it-toroq bla ma tieqaf, ukoll jekk jinzerta jkun spiċċa d-daqq tal-marċ" (5.3.11). Għalhekk induru b'wiċċna minn quddiem lejn l-awtoritajiet konċernati, intennu bla waqfien ix-xewqa ta' dawk li għandhom rieda tajba li dan il-marċ ma jibqax jgħaddi minn quddiem il-Bażilika ta' San Ġorġ.

### KRONAKA PARROKKJALI

*Membri ġodda fil-komunità parrokkjali*

| | |
|---|---|
| 24/07/2011 | **Lili**, bint Harold Mallia u Veronica Aquilina |

*Ingħaqdu fis-sagrament taż-Żwieġ*

| | |
|---|---|
| 01/07/2011 | **Louise Cassar** u **Simon Refalo** |
| 02/07/2011 | **Angele Scicluna** u **Joseph Ciantar** |
| 08/07/2011 | **Maria Mallia** u **Michael Lanzon** |
| 09/07/2011 | **Larissa Axiak** u **Timothy Portelli** |
| 23/07/2011 | **Joanna Falzon** u **Jason Vella** |
| 23/07/2011 | **Ruth Attard** u **John Paul Azzopardi** |
| 30/07/2011 | **Joseph Schembri** u **Rita Camilleri** |
| 06/08/2011 | **Steve Cassar** u **Ramona Spiteri** |

*Marru jingħaqdu ma' Kristu Rxoxt*

| | |
|---|---|
| 01/07/2011 | **Sabine Cassar Alpert** |
| 05/07/2011 | **Angela Calleja** |
| 01/08/2011 | **M'Angela Formosa** |

*Il-Belt Victoria* hi l-pubblikazzjoni maħruġa kull xahrejn mill-Bażilika ProtoParrokkjali ta' San Ġorġ, bl-għan li twassal il-messaġġ Kristjan u aħbarijiet oħra tal-parroċċa lill-membri tal-komunità parrokkjali mifruxa ma' l-erbat irjieħ tad-dinja. L-ewwel ħarġa ġiet stampata fl-1981 wara deċiżjoni li ttieħdet f'seminar parrokkjali fi Frar ta' dik is-sena, bl-inizjattiva ta' l-Arċipriet Mons. Emanuel Mercieca. Mitbugħa għand *A&M Print*, il-Qala, Għawdex.

BORD EDITORJALI
Francesco Pio Attard, Andrew Formosa, Neville Galea, George Francis Vella
Il-fehmiet tal-kontributuri mhux bilfors jaqblu ma' dawk tal-bord editorjali.

FOTOGRAFIJA
Joe Attard, Dr Michael J. Camilleri, Mario Casha, Andrew Formosa, Ivan Galea, Feliċ Micallef, Tonio Schembri, Mons. Felix Tabone, Joseph J.P. Zammit

# MESSAĠĠ mill-Arċipriet

*Mons. Pawlu Cardona*



cardonapaul@gmail.com

## Il-Kelma ta' Alla fil-vaganzi

Għeżież membri tal-parroċċa tagħna u qarrejja ta' *Il-Belt Victoria*, insellmilkom. Il-lum nixtieq naqsam magħkom xi riflessjonijiet li ħadt mit-tagħlim tal-Qdusija Tiegħu l-Papa Benedittu XVI.

Mill-4 ta' Mejju ta' din is-sena, il-Papa, waqt l-udjenzi ġenerali ta' nhar ta' Erbgħa, beda jkellimna fuq il-ħtieġa li nitgħallmu ngħixu b'aktar intensità r-relazzjoni tagħna mal-Mulej. Tkellem fuq it-talb u l-ħtieġa tiegħu: it-talb fil-ħajja u fl-istorja tal-bniedem, u fir-relazzjoni tiegħu mad-divinità; tkellem fuq Abraham, bniedem li kien jintercedi quddiem Alla għad-dinja ta' żmienu; tkellem fuq Ġakobb, li fit-talb tiegħu kien jitqabad ma' Alla; tkellem fuq Mosè, profeta kbir u mexxej fi żmien l-eżodu, li kien jitlob għall-poplu fdat f'idejh; tkellem imbagħad fuq il-profeti, b'mod partikolari l-profeta Elija, imsejjaħ minn Alla biex iwassal il-poplu ta' Israel għall-konverżjoni. Udjenza minnhom għamilha fuq is-Salmi, il-ktieb *per eccellenza* tat-talb.

Nhar it-3 ta' Awwissu l-Papa Benedittu XVI, fil-bidu ta' l-udjenza ġenerali, wera x-xewqa tiegħu li jkompli jitkellem fuq "*l-iskola ta' talb*" u qal li "anki l-lum, b'mod kemmxejn differenti, mingħajr ma nitbiegħed mis-suġġett, insemmi xi aspetti ta' karattru spiritwali u prattiku, u li naħseb li huma utli mhux biss għal min qed igawdi – xi mkien fid-dinja – żmien ta' vaganzi tas-Sajf, bħalna lkoll, iżda għal dawk kollha li huma impenjati fuq ix-xogħol fil-ħajja ta' kuljum".

Kemm huwa importanti fil-ħajja tagħna li jkollna ċans nieqfu ftit mill-attivitajiet ta' kuljum, speċjalment fiż-żmien tas-Sajf, żmien tal-vaganzi. Ġie li naqbdu ktieb f'idejna bix-xewqa li naqrawh. Il-Papa ried jieqaf propju fuq dan il-punt u qal: "Nemmen li kull wieħed u waħda minna għandu bżonn ta' żmien u spazju ta' ġabra, ta' meditazzjoni, ta' kalma... Irroddu ħajr 'l Alla ta' dan kollu! Fil-fatt din il-ħtieġa turina li aħna m'aħniex maħluqin biss għax-xogħol, iżda wkoll biex naħsbu, nirriflettu, jew sempliċiment biex insegwu bil-moħħ u bil-qalb xi rakkont, xi storja li nimmedizimaw ruħna magħha, u f'ċertu sens nidħlu fiha ħalli nsibu ruħna aktar arrikkiti".

### Naqraw il-Kelma ta' Alla

Għalik li għandek f'idejk ir-rivista *Il-Belt Victoria*, u forsi wkoll xi ktieb li xtrajtu jew issellifitu biex f'dawn il-vaganzi taqrah, dawn jistgħu jkunu ta' żvog għalik, u din hija ħaġa normali, l-aktar sempliċi. Madankollu, mhux ftit huma dawk li jkollhom biżżejjed ħin biex jiddedikawh għal qari aktar impenjattiv. Il-Papa hawnhekk jagħmel suġġeriment konkret lil kull wieħed u waħda minna: "Għaliex ma niskoprux uħud mill-kotba ta' l-Iskrittura Mqaddsa li m'humiex magħrufa, jew li forsi smajna xi biċċiet minnhom waqt il-Liturġija iżda qatt ma qrajna r-rakkont kollu? Fil-fatt ħafna Kristjani ma jaqraw qatt il-Bibbja u għandhom għarfien wisq ċkejken u superfiċjali tagħha.

Il-Bibbja – kif jgħid l-isem stess – hija ġabra ta' kotba, "librerija" ċkejkna, miktuba matul millenju. Uħud minn dawn "il-fuljetti" li jifformawha jibqgħu mhux magħrufa għall-biċċa l-kbira tan-nies, ukoll tal-Kristjani twajbin.

Uħud huma qosra ħafna, bħall-Ktieb ta' Tobija: rakkont li jiġbor fih is-sens għoli tal-familja u taż-żwieġ; jew il-Ktieb ta' Ester, li fih ir-Reġina Lhudija, bil-fidi u bit-talb, teħles il-poplu tagħha mill-qerda; jew, ktieb iqsar, dak ta' Rut, mara barranija li għarfet 'l Alla u tagħmel l-esperjenza tal-providenza tiegħu. Dawn il-kotba żgħar jistgħu jinqraw f'ħin ta' siegħa.

Kapulavuri awtentiċi u impenjattivi huma l-Ktieb ta' Ġob, li jittratta l-problema kbira tat-tbatija ta' l-innoċenti; il-Ktieb ta' Koħèlet, li nistgħu nsejħulu ktieb modern li jiddiskuti b'mod attwali s-sens tal-ħajja u tad-dinja; il-Ktieb ta' l-Għanja ta' l-Għanjiet, poeżija simbolika stupenda ta' l-imħabba tal-bniedem. Kif qegħdin taraw, dawn huma kollha kotba tat-Testment il-Qadim.

U t-Testment il-Ġdid? Hekk hu, it-Testment il-Ġdid hu aktar magħruf, u l-ġeneri letterarji tiegħu huma inqas diversifikati. Iżda s-sbuħija li taqra Vanġelu wieħed bla waqfien hija xi ħaġa li jeħtieġ li niskopruha, waqt li nirrikmanda l-qari ta' l-Atti ta' l-Appostli, jew ta' waħda mill-Ittri ta' l-Appostli".

Il-Papa mhux biss jurina l-imħabba tiegħu għall-Kelma ta' Alla, iżda qiegħed jistedinna u jissuġġerixxi lil kull wieħed minna biex nitgħallmu nħobbu u nkunu familjari mal-Kelma ta' Alla. Hekk ikompli d-diskors tiegħu: "Fl-aħħar nett, għeżież ħbieb, il-lum nixtieq nissuġġerixxi li żżommu f'idejkom tul dawn il-vaganzi tas-Sajf jew fil-mumenti ta' mistrieħ u ta' pawsa l-Bibbja Mqaddsa, ħalli tiggustawha b'mod ġdid, billi taqraw bla waqfien xi ktieb li jagħmel parti minnha, speċjalment dawk anqas magħrufa u wkoll dawk l-aktar magħrufa, bħall-vanġeli, imma jeħtieġ li naqrawhom bla ma nieqfu, b'mod kontinwu. Meta nagħmlu dan, il-mumenti ta' mistrieħ jistgħu jsiru mhux biss ta' arrikkiment kulturali, iżda wkoll ta' nutriment spiritwali, kapaċi li jrawwam l-għarfien fuq Alla u d-djalogu miegħu, it-talb.

Naħseb li dan hu mod tajjeb kif ngħixu l-vaganzi: nieħdu ktieb ta' l-Iskrittura Mqaddsa f'idejna, biex inkunu xi ftit rilassati u fl-istess ħin nidħlu fil-qalba tal-Kelma ta' Alla u napprofondixxu r-relazzjoni tagħna ma' Alla l-Etern, bħala skop tal-ħin liberu li l-Mulej jogħġbu jagħtina".

Ejjew nagħmlu tagħna din il-proposta li l-Papa qed jagħmlilna għal dan iż-żmien tas-Sajf. Ma ninsewx dak li jgħidilna l-*Kompendju tal-Katekiżmu Kattoliku*: "L-Iskrittura Mqaddsa tagħti għajnuna u ħeġġa lill-ħajja tal-Knisja. Hi ssaħħaħ ulied il-Knisja fil-fidi tagħhom, tmantni lil ruħhom, u hi nixxiegħa safja fil-ħajja spiritwali. Hija r-ruħ tat-Teoloġija u tal-predikazzjoni pastorali. Is-Salmista jgħid: "Hi fanal għal riġlejja l-Kelma tiegħek, u dawl fil-mogħdija tiegħi" (119:105). Il-Knisja tħeġġeġ biex l-Iskrittura Mqaddsa tinqara ta' spiss, għax 'l-injoranza tal-Kotba Mqaddsa tfisser injoranza ta' Kristu' (San Ġlormu)" (n. 24).

### Awguri f'għeluq it-tletin sena

Nixtieq nieħu din l-okkażjoni biex nifraħ magħkom ilkoll,

*jissokta f'paġna 17...*

# FESTA SAN ĠORĠ 2011

Ir-rivista tagħna *Il-Belt Victoria* twieldet fl-ambjent tal-festa titulari ta' San Ġorġ. L-ewwel numru ħareġ f'Lulju-Awwissu 1981, propju fil-jiem tal-Festa. Kull darba din il-ħarġa "tal-Festa" tirrapporta bil-kliem u bir-ritratti ċ-ċelebrazzjonijiet titulari f'ġieħ il-Patrun ta' Għawdex. Dan ilha tagħmlu għal dawn l-aħħar tletin sena. Spiss il-paġni tan-nofs jew inkella l-qoxra ta' wara jservu ta' album fotografiku b'tifkira jew *souvenir* tal-Festa ta' dik is-sena. Wieħed irid jiftakar li l-Bażilika ta' San Ġorġ ma tipproduċix hi l-"Ktieb tal-Festa", anki jekk il-pubblikazzjoni annwali maħruġa mis-Soċjetà Filarmonika *La Stella* ma ssirx mingħajr il-kollaborazzjoni tal-parroċċa. Għalhekk, iżjed u iżjed, ir-raba' ħarġa ta' kull sena ta' *Il-Belt Victoria* sservi biex tagħti lill-qarrejja rapport tal-Festa ta' San Ġorġ.

Biex ma nirripetux l-istess affarijiet kull sena, anki jekk kull sena l-Festa ta' San Ġorġ hi oriġinali u ġdida, nippruvaw hawn nitfgħu ħarsitna lejn aspetti li spikkaw jew kienu partikulari fil-Festa ta' din is-sena. Dan qed nagħmluh, iżjed milli bil-kliem, bir-ritratti li spiss jitkellmu waħdihom... Jikkonfermaw tassew kemm il-Festa ta' San Ġorġ – biex nisselfu l-kliem poetika tal-predikatur tat-Tridu ta' din is-sena, il-Kan. Joe Zammit – hi *"festa mżewqa ta' lwien..."* li ftit issib bħalha!

## Min-Niċċa 'l barra



M'hemmx dubju li l-Festa ta' San Ġorġ tiġbed fuqha l-għajnejn ta' kulħadd. Dan nistgħu ngħiduh iktar għal din is-sena, billi, wara li s-sena l-oħra l-Festa tagħna xxandret fuq il-programm *Forċina* ta' NET TV, issa għat-tieni darba kellna fostna t-tîm tal-programm televiżiv *Min-Niċċa 'l Barra* ta' *ONE TV*, taħt id-direzzjoni tas-Sur Ray Azzopardi, li mexxew "maratona" ta' xandir nhar il-Festa, minn xi s-6.00am sa xi l-11.00pm, u li qatgħet biss għar-riklami u l-aħbarijiet. Huma rnexxielhom jagħtu stampa ċara ħafna tar-realtà tal-parroċċa u tal-Festa, kif ukoll tal-lokalità, b'għadd impressjonanti ta' *features*, filmati u intervisti. Kif qal l-Arċipriet, fetħu tieqa fuq il-festa tagħna għad-dinja kollha. It-trasmissjonijiet ma kinux ikunu possibbli mingħajr l-assistenza loġistika kbira li ta l-Uffiċċju Parrokkjali, li fil-ġimgħat ta' qabel offra d-disponibbiltà sħiħa tiegħu minkejja l-volum ta' xogħol ieħor li bih kien mgħobbi.

> Kbir San Ġorġ Megalomartri,
> xhud tax-xhieda għal żminijietna,
> tal-Verb xhud, tar-rieda t'Alla
> li jsib xkiel f'għemil ħtijietna.
>
> Ismek żgur li jfisser rebħa
> fuq l-għadu, fuq id-dnub,
> fih hemm ankra li ssalvana
> mill-Ħażin li fiha jdub.



## Ċelebrazzjonijiet saċerdotali

Il-Festa ta' din is-sena kellha aċċent kbir "saċerdotali". L-ewwel nett, lejn tmiem Mejju kienet saret l-ordinazzjoni presbiterali ta' Dun Simon Mario Cachia, iben il-parroċċa tagħna, kif ukoll ta' Dun Samuel Grech, li fl-aħħar sentejn ta servizz pastorali fostna, barra li għandu parti sew mill-familja tiegħu Ġorġjana. Dun Samuel mexxa Konċelebrazzjoni Solenni ta' Radd il-Ħajr fil-bażilika tliet ġimgħat qabel il-Festa, waqt li Dun Simon iċċelebra l-Ewwel Quddiesa Solenni tiegħu Ħadd qabel il-Festa, l-10 ta' Lulju 2011, f'ċelebrazzjoni sabiħa ta' ferħ għall-komunità parrokkjali kollha. Il-priedka ta' l-okkażjoni għamilha l-Arċipriet Emeritu Mons. Ġużeppi Farrugia fuq it-tema meħuda mill-Vanġelu, "Xmun, bin Ġwanni, tħobbni int?" (Ġw 21:15).



Barra minn hekk, il-komunità Ġorġjana kellha l-opportunità li trodd

il-ħajr lil Alla għad-don tas-saċerdozju ministerjali fl-okkażjoni tal-ġublewijiet presbiterali ta' tliet saċerdoti tagħha. F'Mejju Dun Joseph Mercieca ċċelebra l-ħamsa u għoxrin anniversarju, waqt li fl-istess xahar Mons. Carmelo Scicluna, Teżorier tal-Kapitlu Ġorġjan, ukoll għalaq sittin sena saċerdot. Imbagħad, fil-kuntest tal-Festa, ħmistax qabel San Ġorġ, Mons. Emanuel Curmi ppresieda Konċelebrazzjoni Solenni ta' Radd il-Ħajr fil-bażilika tagħna fl-okkażjoni tal-ħamsin anniversarju presbiterali tiegħu. Il-priedka ta' l-okkażjoni għamilhielu l-Isqof Mons. Mario Grech.

Apprezzajna wkoll il-preżenza tad-Djaknu Daniel Grech, minn Ta' Kerċem, li fost l-oħrajn mexxa ċ-*Ċelebrazzjoni ta' Xhieda Kristjana* nhar it-Tlieta tal-Festa. Daniel ukoll kien qatta' żmien ta' servizz pastorali fil-parroċċa tagħna xi snin ilu.

> Dlonk il-Missier mar fetaħlek tgħanniqa,
> baqgħet fuq spalltek tindokra ż-żmien;
> mogħni bl-imħabba li fawret minn qalbu,
> fiha tgeżwirt u ma tliftha mkien.
>
> Miżmum fuq wiċċ l-idejn fi qlub il-kotra
> li dlonk indunat b'dik f'ħarstek id-dija,
> jixraqlek ismek kien, Ġorġi ta' Lidda,
> li żrajt il-ħajja fl-art b'tiegħek id-dmija.



## Abbatini ġodda

Mhux ta' min iwarrab għall-ġenb l-impenn ta' l-abbatini fit-twettiq ta' liturġija ċċelebrata kif imiss. L-abbatini huwa ministru tal-Knisja u għandu d-dmir partikulari li jkun għas-servizz ta' l-altar. Fil-parroċċa tagħna għandna grupp ċkejken ta' abbatini li, madankollu, jagħti servizz utli ħafna. Ħadna gost li fl-okkażjoni tal-Festa ta' din is-sena l-*Piccolo Clero* tagħna rajnieh jikber bil-vestizzjoni ta' erba' abbatini ġodda – George Michael Grima, Mark Mizzi, Marstell Portelli u Kristov Scicluna – li saret mill-Arċipriet fl-aħħar jum tan-Novena ta' San Ġorġ. Nawgurawlhom, u nħeġġu aktar subien jitħajru jingħaqdu mal-grupp ta' l-abbatini tal-bażilika tagħna.

## Predikazzjoni singulari

Għal ħafna, il-funzjonijiet tat-Tridu ta' San Ġorġ huma fost l-isbaħ ċelebrazzjonijiet liturġiċi li għandna. U nagħtuhom raġun... Il-ġmiel ta' mużika sagra esegwita b'mod impekkabbli u dinjituż, il-qawwa tat-testi liturġiċi, id-dekor tal-liturġija mqaddsa li tistagħna iżjed bl-uffiċċju tal-Kapitlu Lateranensi, iż-żina tat-tempju Ġorġjan imsebbaħ bl-aqwa lbies u maħnuq bil-membri tal-komunità Ġorġjana u m'hix, u fuq kollox il-preżenza f'nofsha ta' l-istatwa titulari ta' San Ġorġ li waħidha hi festa, jagħmlu minn dawn it-tlett ijiem ta' tħejjija prossima kuruna ta' sbuħija u ġieħ. Imbagħad din is-sena, għal darb oħra, fil-Pontifikal tal-Festa konna onorati bil-preżenza tal-President ta' Malta Dr George Abela, waqt li fit-Translazzjoni kellna magħna rappreżentanti ta' l-Ordni Sagru u Kostantinjan ta' San Ġorġ.

> Kif nista' nieqaf u ntemm din il-festa
> li qed tagħmlilna int stess għax nafuk,
> festa li turi l-imħabba li tgħaddi
> minn qalb għall-oħra, f'kull ħin inberkuk?
>
> Induru lejk bi tbissima mrażżnin
> għax kieku qalbna tinferaq f'dal-ħin,
> iżda kif quddiemna int tixref sabiħ
> mogħni b'ta' Alla d-dija l'hemm fih.







Imma hawn għadna ma semmejniex il-predikazzjoni! Kull sena jkollna fostna predikaturi mill-aqwa li bi kliemhom jedifikawna u jkattru mħabbitna lejn il-Patrun tagħna. Ta' din is-sena kien wieħed mill-iżjed mistennija: il-Kanonku Dr Joe Zammit, bin il-parroċċa tagħna u Arċipriet tal-Qala. Il-ħlewwa tal-kelma ħafifa ta' Dun Joe u d-dehen moħbi taħt l-oratorija poetika tiegħu, qatt nieqsa mir-rima u mżejna wkoll bil-poeproża, jagħmlu mill-istil tal-predikazzjoni tiegħu wieħed tassew uniku u xieraq għal okkażjoni ta' Tridu bħal dak li jsir f'San Ġorġ. Kull kelma tiegħu kienet tappella għall-moħħ daqs kemm għall-qalb. Ispirat mit-tema *"Laudetur Jesus Christus"*, hu ħares lejn il-figura ta' San Ġorġ u għenna nilmħu fiha l-ġieħ ta' Alla nnifsu, billi fil-ħajja u x-xhieda tal-qaddis m'hemmx ħlief it-tifħir ta' Kristu u li jixraq biss lilu. B'hekk it-Tridu sar stedina għall-kontemplazzjoni tal-ġmiel ta' Kristu fil-ġmiel ta' Ġorġi, il-qaddej fidil tiegħu. Kull kelma oħra li biha nixtiequ nfissru kemm kien sabiħ it-Tridu ta' din is-sena aktarx tisfa pretensjoni żejda. Għandna x-xorti li l-priedki nistgħu nerġgħu nisimgħuhom fuq is-sezzjoni *Podcasts* ta' www.lbv104.com.

L-omelija ta' Mons. Isqof fil-Pontifikal tal-Festa, għalkemm fuq stil differenti għal kollox, kien fiha messaġġ attwali ħafna, fejn San Ġorġ ġie ppreżentat lilna qed jagħmlilna l-proposta biex bħala Nsara nfittxu li noħolqu djalogu mad-dinja sekularizzata u postmoderna, spiss maħkuma mill-kurrenti ta' l-Umaniżmu ateu. Kif jidher mill-kwotazzjoni li qed nagħtu hawn, l-Isqof ħass li kellu jindirizza partikularment lill-komunità Ġorġjana bħala aġent ta' din l-evanġelizzazzjoni ġdida fil-kuntest ta' l-għana kulturali li bih tistagħna b'mod uniku: "Din hi l-proposta li nixtieq nagħmel lill-Knisja tagħna, partikularment bl-għajnuna ta' din il-komunità; mhux biss għaliex hija komunità Ġorġjana – u allura San Ġorġ jispirana f'dak li jiena qiegħed naqsam magħkom – imma għax jiena konxju mill-fatt illi qed nitkellem fuq komunità li tgħożż ħafna l-kultura. Jiena nsemmilkom l-eżempju tal-*Victoria International Arts Festival*, li ilu jsir issa erbatax-il sena. M'hux kontribut lejn il-kultura, mhux ta' Għawdex biss imma ta' pajjiżna? Jien konvint illi f'din il-komunità hawn elementi li tistgħu tgħinuni ħalli bħala djoċesi nipproponi din l-azzjoni pastorali: illi niftħu din il-bitħa [tal-ġentili] għal dawk li huma differenti fit-twemmin tagħhom, għal dawk li m'għandhomx twemmin, imma qegħdin infittxu r-risposti tagħna għall-bniedem tal-lum. U jien konvint, nerġa' ngħid, li hawn elementi tajbin f'din il-komunità illi nistgħu naħdmuha din il-proposta f'din l-evanġelizzazzjoni l-ġdida".

> Ma kellix qatt narak u nsir nafek
> u t-taħbita ta' qalbek għaliH
> nisma' tħabbat bi mħabba għajjura
> li fl-eroj biss miżrugħa qatigħ?
>
> Bil-palma tal-martri f'idejk terfa' 'l fuq
> id-dinja li l-ħama tad-dnub ilha dduq,
> biex miegħek għal dejjem bir-rand kollu ġieħ
> lil Alla l-imħabba ta' qalbha tagħtih.

## Pubblikazzjoni lussuża fuq San Ġorġ



Jekk kien hemm rigal sabiħ li l-parroċċa rċiviet fil-Festa ta' din is-sena, dan kien żgur il-ktieb ġdid *St George. Gozo's Golden Basilica*, pubblikazzjoni ta' 192 paġna tal-kulur fid-daqs A4, li ġie ppreżentat lill-pubbliku f'serata li nżammet fil-bażilika tagħna nhar il-Ġimgħa 8 ta' Lulju 2011. Il-ktieb, ippubblikat mis-Salesjani Maltin f'kollaborazzjoni mal-Bażilika Ġorġjana, iġorr fuqu żewġ ismijiet prestiġjużi: Dun Charles Cini SDB hu l-editur, waqt li l-fotografu rinomat Daniel Cilia ħa r-ritratti li hemm fih u ħa ħsieb id-disinn; dawn it-tnejn li huma għandhom rabtiet kbar mal-parroċċa tagħna. Fis-serata tal-preżentazzjoni Dun Charles irregala lill-bażilika f'isem il-ġenituri tiegħu affresk oriġinali maħdum mill-artist Taljan Sergio Favotto li juri lill-Verġni Marija b'Ġesù Tarbija f'idha. Żgur li din l-inizjattiva ta' pubblikazzjoni ġdida fuq il-Bażilika ta' San Ġorġ imliet vojt kbir li kien ilu jinħass u wettqet ħolma li kienet ilha mixtieqa, għax hu ktieb li jiġbor f'dehra l-aktar lussuża ġabra tal-materjal essenzjali fuq il-Bażilika ta' San Ġorġ; fih erba'

kapitli: Dr Paul George Pisani jirnexxilu jiġbor fil-qosor l-istorja tal-knisja parrokkjali, Mark Sagona jagħti analiżi artistika dettaljata, Godwin Vella jiffoka fuq il-kult tal-Ġimgħa Mqaddsa u l-ewwel purċissjoni penitenzjali tagħha f'Għawdex, waqt li Marion Zammit iddewwaqna ftit mill-kuluri tal-festa titulari. Mhux ta' b'xejn li mill-ewwel jum li fih wasal mill-Italja fejn ġie stampat, dan il-ktieb mexa u għamel bejgħ li saħansitra ssorprenda lill-pubblikaturi. Grazzi, Dun Charles u Daniel!



## Fuq barra

Ma nissograwx nitkellmu hawn fuq l-aspett "estern" tal-Festa ta' San Ġorġ, li żgur jixraqlu attenzjoni għalih waħdu. Hawn ukoll din il-festa tibqa' l-aqwa ta' Għawdex, iġġennen għal warajha tant ammiraturi, kif jixhdu l-kummenti li jħallulna; kummenti bħal tal-President ta' Malta Dr George Abela li, meta avviċinat mill-intervistaturi ta' *ONE TV*, ma ddejjaqx jgħid li l-mużika tal-Pontifikal tal-Festa tagħna hi unika.

Aspett wieħed li ta' min isemmi mill-festa ta' din is-sena u li għandu rabta wkoll ma' ġewwa, kien it-tlestija fil-ħin tar-restawr tan-niċċa u l-istatwa li l-lum insibu fil-ħâra ta' San Ġorġ tal-Ħaġar, u li huma magħrufa bl-istess isem. L-istatwa, xogħol Ġużeppi Agius magħruf bħala 'Il-Brejbex' fl-1923, għadha kemm ġiet irrestawrata u miżbugħa mill-ġdid minn Frank Cassar, bħala parti minn proġett tal-Kunsill Lokali għar-restawr ta' niċeċ qodma fiċ-ċentru storiku tar-Rabat. L-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona bierek il-proġett waqt il-marċ tad-Dimostrazzjoni, il-Ġimgħa 15 ta' Lulju 2011 fil-għaxija.

> Int djamant illi qatt ma nstab bħalek f'ebda art ħlief f'din l-art tar-Rabtin, għax int tilma hemm f'ruħna bid-dija u s-smewwiet biss jixxenqu qegħdin.
>
> Għaliex tistaqsi met'int it-tweġiba ta' kull ma lilna jisraq mis-sliem, tqegħdilna f'fommna t-tama tas-Sema fuq wiċċna jilma d-dawl tal-jiem?

## Tħejjija didattika spettakulari



U x'jibqa' mill-Festa kollha? Min-nar, it-tiżjin, il-briju, il-marċijiet, il-kant u ċ-ċapċip, id-daqq tal-qniepen, id-dekorazzjonijiet ta' kull xorta, u l-espressjonijiet l-oħra ta' ferħ? Jibqa' biss dak li saħħaħna fl-imħabba tagħna lejn Alla u lejn il-martri maħbub tiegħu u tagħna San Ġorġ. Ħasra kbira li mhux kulħadd jaħsad dan il-frott! Żgur li ħasduh it-tfal, ġenituri u familjari tagħhom li attendew bi ħġarhom fil-bażilika għad-disa' Ħamisijiet ta' tħejjija u, iktar tard, għall-jiem tan-Novena, li din is-sena nżammet ftit iktar kmieni mis-soltu minħabba l-festa tal-*Prima Messa* li kellna fil-parroċċa.

In-Novena ta' San Ġorġ hi tħejjija spiritwali u pastorali għall-Festa. Il-Quddies, fis-7.00pm, tmexxa miż-żewġ saċerdoti l-ġodda. It-tema magħżula din is-sena għall-episodji drammatiċi fuq San Ġorġ li issa drajna naraw wara l-Vanġelu kienet *Jien kont hemm*, b'xhieda differenti mill-ħajja tal-qaddis ikellmuna fuqu huma stess. L-episodji,

ispirati dejjem mill-kitbiet ta' l-Arċipriet Mons. Salv Borg, din is-sena tħejjew minn Antonella Zammit, li tieħu ħsieb ukoll id-direzzjoni drammatika. Bħala tifkira tqassmet stampa kbira tal-kulur fuq karta ħoxna A3 b'disinji oriġinali, imħejjija apposta fi stil uniku għat-tfal, tal-persunaġġi li kuljum ġew jagħtuna x-xhieda tagħhom. Taħthom kien hemm tifsira tal-messaġġ tal-ġurnata, u maġenbhom spazju vojt fejn kuljum it-tfal irċivew *sticker* biex iwaħħluha fuqu. Għalhekk it-tifkiriet ta' din is-sena, oriġinali kemm fl-għamla u kemm fil-preżentazzjoni, kienu dawn ir-ritratti tal-kulur stampati fuq *stickers*, li kienu jirrappreżentaw episodji mill-ħajja ta' San Ġorġ li ttellgħu fin-Novena tas-sena l-oħra u f'April 2010. Kopja mkabbra ta' din it-tifkira, stampata fuq *canvas* apposta, tqiegħdet fuq il-presbiterju tul id-disat ijiem, biex kull min daħal fil-bażilika seta' jitgħallem fuq is-suġġett tan-Novena. Fuq din ukoll, f'kull ġurnata, it-tfal waħħlu l-i*sticker* li kien imiss dak in-nhar skond it-tema. Kienet tifkira oriġinali tassew li għolliet iżjed il-livell tan-Novena ta' din is-sena, li ntemmet b'ċelebrazzjoni sabiħa li inkludiet il-wiri ta' *feature* awjdoviżiv mill-isbaħ u *party* kbir għal kulħadd fuq il-bejt taċ-ċentru parrokkjali. Idea oħra sabiħa li jixraq ukoll insemmu hawn kienet dik ta' bukkett tal-fjuri, miġbur minn fost it-tfal, li tqiegħed waħdu quddiem l-istatwa ta' San Ġorġ fit-tlitt ijiem tat-Tridu.




Il-grupp attiv fl-Uffiċċju Parrokkjali, magħmul minn bosta żgħażagħ voluntiera, għal darb'oħra ħa ħsieb l-organizzazzjoni kollha. Ħasra li mhux dejjem tinstab l-aħjar pjattaforma biex inizjattiva pastorali importanti bħalma hi n-Novena ta' San Ġorġ tiġi kkonsolidata u apprezzata għal dak li hi minn kulħadd... forsi għax għadna ma fhimniex biżżejjed li, qabel kollox, il-Festa hi *ta' San Ġorġ*.



> Int l-għaxqa tal-martri, tal-bieraħ, tal-lum,
> il-għira ta' ġensna, tal-kbir u ż-żagħżugħ,
> l-istilla fuq moħħna li tinżel f'dal-jum
> iżżurna mis-Sema bħal blanzun ifuħ.
>
> Ibq'imraħ b'dik ħarstek ħanina, setgħan
> fuq beltna w gżiritna w pajjiżna Ġorġjan,
> għax fina int tilmaħ il-poplu għatxan
> għal Alla w imħabbtu w tjubitu ħerqan.

***L-istanzi miġjuba ma' dan ir-rapport u fuq il-qoxra ta' wara huma kwotazzjonijiet mill-priedki tat-Tridu ta' San Ġorġ 2011, minsuġa mill-Kan. On. Dr Joe Zammit, Arċipriet tal-Qala.***

Ħajr għar-Ritratti: Joe Attard, Mario Casha, Daniel Cilia, Anton Farrugia, Andrew Formosa, Feliċ Micallef, Dennis Xuereb, Max Xuereb, Ministeru għal Għawdex, JJP Zammit.

# L-isem ta' Ġorġi fl-ilsna Ewropej u ilsna oħra tal-qrib

Dun Geoffrey George Attard



Huwa fatt magħruf li l-isem 'Ġorġ' huwa wieħed popolari ferm u mifrux ma' kullimkien, kemm fl-Ewropa u kemm lil hinn minnha. L-isem għandu oriġni Grieg (γεωργος) u huwa magħmul minn żewġ kelmiet Griegi: il-kelma *ge* (γη) li tfisser 'art' u l-kelma *ergon* (εργον) li tfisser 'taħdem'. Din ta' l-aħħar ġejja minn forma ta' aġġettiv *georgios* li tfisser 'rustiku' jew inkella *georgos* li tfisser 'ħaddiem l-art'.

Kien fl-era klassika li dan l-isem kien stabbilit bħala wieħed personali minħabba r-rabta tiegħu mal-poeżija pastorali. Il-popolarità ta' dan l-isem fl-Ewropa kompliet tikber fi żmien il-Kruċjati minħabba kuntatt aktar mill-qrib ta' l-Ewropej mal-Knisja tal-Lvant li fi ħdanha kienu jeżistu sa minn żminijiet l-iżjed bikrija diversi qaddisin u martri b'dan l-isem, ewlieni fosthom il-Qaddis Martri tal-Kappadoċja li miet fin-Nikomedija fis-sena 303WK.

Hija drawwa sabiħa u ta' min jinkuraġġiha li kemm l-isem 'Ġorġ' u kemm dawn il-varjanti tiegħu jkunu magħrufa minn dawk il-ġenituri li jkunu sa jgħammdu wlied ġodda u li jkunu jridu jsemmu lil wildhom għal dan il-kbir qaddis, ħalli b'hekk tibqa' ħajja d-drawwa qadima ta' missirijietna li jsemmu lil wieħed jew waħda minn uliedhom għal San Ġorġ.

Din li ġejja hija lista selettiva u bl-ebda mod esklussiva tal-varjanti ta' l-isem 'Ġorġ' f'xi ilsna Ewropej u anki oħrajn 'il barra mill-Ewropa. Dawn il-varjanti huma kollha fis-sess maskil.

| ISEM | PAJJIŻ | ISEM | PAJJIŻ |
|---|---|---|---|
| Albaniż | Gjergj | Malti | Ġorġ/Ġirġi |
| Armen | Gevorg | Norveġjan | Jorgen/Georg |
| Bask | Gorka | Olandiż | Joris/Sjors |
| Bulgaru | Georgi | Pollakk | Jerzy |
| Ċek | Jiri | Portugiż | Jorge |
| Daniż | Jorgen | Rumen | Gheorghe |
| Estonjan | Juri | Russu | Georgij/Yegor |
| Fillandiż | Yrjo/Jyrki | Serb | Djordje |
| Franċiż | Georges | Sirjak (Kristjan) | Gheevarghese |
| Ġermaniż | Georg | Skoċċiż (Galliku) | Seoras/Deorsa |
| Grieg | Giorgios | Slovakk | Juraj |
| Għarbi | Jirjis/Jeryes | Spanjol | Jorge |
| Ingliż | George | Svediż | Goran/Jorgen |
| Irlandiż | Seoirse | Taljan | Giorgio |
| Katalan | Jordi | Tork | Corc |
| Latin | Georgius | Ukrajin | Jurij |
| Litwanjan | Jurgis | Ungeriż | Gyorgy |
| Malawi | Jurjis | Welsh | Sior/Siors/Siorus |

Il-ġejjieni ta' l-isem 'Ġorġ' jiddependi minn kull wieħed u waħda minna; mhux biżżejjed li jinsab "dejjem f'qalbna", kif kiteb wisq tajjeb il-poeta ta' San Ġorġ il-Kan. Joe Mejlak. Jonqos biss li nkomplu ngħammdu lil uliedna b'dan l-isem sabiħ u ferm sinifikanti li sa mill-ibgħad żminijiet twaħħad ma' beltna, ma' gżiritna u ma' l-għażiża art twelidna.

Paġna minn Reġistru tal-Magħmudija tas-seklu dsatax miżmum fl-Arkivji Parrokkjali tal-Bażilika ta' San Ġorġ, li tixhed għall-popolarità ta' l-isem 'Ġorġ' fi gżiritna.

# Aktar aġġornamenti fl-istazzjon *Leħen il-Belt Victoria*

Neville Galea

Mingħajr għodda u ambjent ideali, l-ebda ħaddiem ma jista' jwettaq tajjeb is-servizz mitlub minnu. Dan jiġri f'ħafna affarijiet fil-ħajja ta' kuljum. Għalhekk, xi żmien ilu, matul laqgħat tal-grupp amministrattiv ta' l-istazzjon ġie deċiż li kien hemm bżonn li jittieħdu ċerti deċiżjonijiet tant meħtieġa biex jitjieb u jitwessa' s-servizz ta' l-istazzjon tagħna, kemm madwar il-Belt Victoria, Għawdex u Malta, u kemm madwar id-dinja. Wara diskussjonijiet ma' diversi nies u professjonisti, l-*equipe* amministrattiv għaddas rasu għax-xogħol u beda jaħseb x'manutenzjoni u aġġornamenti huma meħtieġa biex tintwera aktar l-effiċjenza ta' l-istazzjon u jitwassal l-aħjar servizz lis-semmiegħa. Fosthom insemmu tiġdid fis-sistema ta' *networking* u l-kompjuters, xiri ta' aktar *cameras* għas-sistema ta' l-*online audio & video streaming*, u xiri ta' apparat meħtieġ kemm għall-*equipment room* u kemm għas-sular li jospita fih l-istudjows ta' *Leħen il-Belt Victoria.*




### Websajt b'disinn ġdid u tiġdid tal-bini

Kien propju fl-aħħar xhur tas-sena 2009 li ġie deċiż li l-websajt tar-radju tiġi aġġornata waħda sew, issir aktar moderna kif ukoll aktar aċċessibbli. Wara diversi diskussjonijiet, ġie avviċinat is-Sur Kevin Cauchi minn Għajnsielem għal xi ideat u format ġdid. Wara bosta laqgħat u pariri, ħareġ id-disinn li għandna l-lum: format modern li ntlaqa' tajjeb ferm mill-pubbliku. Il-verżjoni l-ġdida tal-websajt ta' l-istazzjon ġiet inawgurata nhar il-Ħadd 4 ta' Lulju 2010 waqt Konċelebrazzjoni ta' Radd il-Ħajr immexxija mill-Arċipriet Emeritu Mons. Ġużeppi Farrugia f'għeluq l-għaxar anniversarju mill-ftuħ ta' l-istudjows il-ġodda ta' l-istess stazzjon fi Pjazza San Ġorġ. *Features* ġodda f'din il-websajt jinkludu s-sistema tad-donazzjonijiet *online*, arkivju mdaqqas ta' *podcasts*, gallarija tar-ritratti, u sistema ta' reklamar. Sar ukoll xogħol ta' manutenzjoni fl-istudjows fit-tielet sular ta' Dar *Leħen il-Belt Victoria*, flimkien ma' tibjid lis-saqaf u lill-ħitan tal-madwar. Dan ix-xogħol sar primarjament fl-okkażjoni ta' l-għaxar anniversarju mill-ftuħ ta' l-istudjows ta' l-istazzjon tagħna.



### Iktar apparat u sistema aġġornata

Kien ġie deċiż ukoll li jiġġedded u jinbidel xi apparat li jintuża fl-istudjows ta' *Leħen il-Belt Victoria.* Sar *upgrading* importanti fis-sistema kif ukoll xi stallazzjonijiet ġodda ta' apparat fl-istudjows. Dan kollu sar wara li kienu qed jinqalgħu diversi problemi fis-servizz ta' l-i*streaming* u dawk li kienu jsegwu r-radju kienu qed isibu xi xkiel. Inxtara *Klara-Teknik 8 channel dynamic processor*, apparat li jikkontrolla aħjar il-ħoss li joħroġ mill-istudjows; miegħu nxtraw ukoll sitt mikrofoni ġodda tad-ditta *Shure Beta 58A*; inbidlu diversi *connectors* u *cables*; ġew armati żewġ kompjuters ġodda, wieħed li qed iservi bħala *backup* tas-sistema *online* u għas-servizz ta' l-*istreaming* u l-ieħor armat fi *Studio 1* minn fejn joħorġu l-programmi diretti; u xtrajna televixin tad-ditta *Sharp* li ħa post wieħed eqdem.




Din is-sena, ftit tal-ġimgħat qabel il-festa titulari ta' San Ġorġ, ġie deċiż li jiżdied apparat ieħor fis-sistema preżenti ta' l-*online audio & video streaming* li bih l-istazzjon tar-radju tal-komunità Ġorġjana jkun jista' jiffunzjona aħjar



u b'mod aktar effiċjenti. Fost l-apparat li nxtara nsibu *multiplexor* tad-ditta *Real Time Colour Quad Processor*, li bih wieħed ikun jista' jara x'inhu jiġri fuq id-diversi *cameras* istantanjament, waqt li jkun jista' jaqleb minn *camera* għal oħra mingħajr ebda diffikultà jew interruzzjonijiet għalxejn. Inxtrat ukoll *camera* tat-tip *KC 8592P* għal fuq il-bejt tal-bini ta' Dar *Leħen il-Belt Victoria* li fiha tilaqa' r-radju u diversi organizzazzjonijiet oħra; din il-*camera* tiffoka l-aktar fuq il-bieb prinċipali tal-bażilika u parti miz-zuntier u l-pjazza. Inbidlu wkoll diversi *cables* u *connections*, fosthom dawk li jieħdu sal-bażilika. Inxtrat ukoll *capture card* li permezz tagħha jkun jista' joħroġ aħjar l-*online video streaming*.

**Ringrazzjamenti**

Dan kollu ma setax isir mingħajr l-għajnuna u l-pariri siewja mogħtija minn numru ta' persuni. L-apprezzament tagħna jmur lill-membri kollha tal-grupp amministrattiv, fosthom Dun Effie Masini, Anton Farrugia, Frank Schembri, Antoine Vassallo, Carmel Zammit, George Gauci u Francesco Pio Attard, tax-xogħol li qegħdin jagħmlu. Ħajr ukoll lil George Schembri u l-ħaddiema tiegħu, lil Silvio Schembri, lil Kevin Cauchi, lil John Cauchi tal-*Pro Studios*, kif ukoll lil *Osprey Software Services & Solutions*. Ma rridx inħalli barra l-membri ta' l-Uffiċċju Parrokkjali tal-parroċċa tagħna li dejjem issibhom lesti meta jkun hemm bżonn l-għajnuna.

**Inħarsu 'l quddiem... bl-għajnuna tagħkom**

Nieħdu gost naraw kemm is-semmiegħa, kemm dawk lokali u kemm l-emigranti, li jsegwuna minn barra minn Malta juru l-apprezzament u l-kritika pożittiva tagħhom għas-servizz li tajna sa issa u qegħdin nagħtu l-lum il-ġurnata. Diġà hemm maħsub aktar rinnovar ta' kemm-il aspett ta' l-istazzjon tal-parroċċa tagħna għas-sena d-dieħla. Fost it-temi nsibu sejħa għal kollaboraturi ġodda, kemm bħala preżentaturi u tekniċi u kemm fl-amministrazzjoni ta' dan l-istazzjon; skemi ġodda ta' riklamar; xiri ta' aktar *cameras* għas-sistema ta' l-*online audio & video streaming*; sistema ta' telefonija ġdida; u ħafna iżjed.

Għalhekk għandna bżonn l-għajnuna tagħkom ilkoll, kemm dik finanzjarja u kemm dik manwali! Dan ir-rinnovar sa jiġi jiswa ftit mhux ħażin, għalhekk kull donazzjoni, żgħira kemm hi żgħira, hija apprezzata ħafna... Is-sistema ta' l-*online donations* fuq is-sit www.lbv104.com qiegħda tiffunzjona. Min jixtieq jagħti d-donazzjoni tiegħu, jista' jagħmel dan ukoll billi jgħaddi s'għand Frank Schembri ta' *Vajringa Supermarket*. Min-naħa l-oħra, min jixtieq jingħaqad mat-tim formidabbli tagħna, jista' jibgħat email fuq lbv104@gmail.com jew javviċina lil xi membru tal-bord amministrattiv ta' dan l-istazzjon.







# *Projector* ġdid għall-parroċċa



Fil-ħarġa ta' Settembru-Ottubru 2010 ta' din ir-rivista konna ħabbarna li l-parroċċa ta' San Ġorġ kienet għadha kemm investiet fi skrin ġdid. Konna għidna wkoll li issa kien imiss jinxtara *projector*, kemm-il darba jinġabru l-fondi għalih. Hu pjaċir tagħna li minn dawn l-istess paġni nħabbrulkom li, ftit jiem qabel il-festa ta' din is-sena, xtrajna *projector* tad-ditta *NEC* (NP 41), bl-aħħar teknoloġija, biex flimkien ma' l-iskrin ikun jista' jintuża primarjament għall-ħidma pastorali, speċjalment waqt laqgħat u ċelebrazzjonijiet li jsiru għall-gruppi fil-bażilika u fiċ-ċentru parrokkjali. Dan il-*projector* il-ġdid diġà kellna l-okkażjoni nżanżnuh fl-aħħar jum tan-Novena ta' San Ġorġ.

Il-*projector* ġie jiswa fuq €900 u seta' jinxtara grazzi għal ġbir li sar f'attivitajiet ta' *fundraising* kif ukoll għall-offerti ġenerużi ta' diversi benefatturi, fosthom ġenituri tat-tfal li jattendu għall-attivitajiet organizzati lilhom fil-parroċċa; grazzi wkoll lis-Sur John Paul Cefai ta' l-assistenza teknika siewja tiegħu. Napprezzaw dejjem l-appoġġ finanzjarju u morali tagħkom lill-parroċċa, għax hu fl-interess tal-komunità kollha li nkunu aktar "attrezzati" għall-ħtiġijiet pastorali ta' żmienna, anki bl-aħħar teknoloġija medjatika.

# Proġett ambizzjuż tal-Kumitat tal-Ġimgħa l-Kbira

jikteb membru tal-Kumitat



Proġett ambizzjuż tal-Kumitat tal-Ġimgħa l-Kbira, imniedi sentejn ilu imma li ilu maħsub diversi snin, sa fl-aħħar qed naraw il-frott tant mistenni tiegħu. Kienet ilha ħafna tberren f'moħħ il-parruċċani u dawk kollha li għandhom għal qalbhom il-kult tal-Ġimgħa Mqaddsa, li l-Bażilika ta' San Ġorġ ikollha sett komplut u sabiħ ta' vari li jillustraw fl-arti sagra l-ġrajja straordinarja tal-Passjoni u l-Mewt ta' Sidna Ġesù Kristu. Il-pjan – kif imfassal mill-Kumitat – huwa li minn barra r-rinovazzjoni ta' l-istatwi u r-restawr ta' wħud fosthom li ma jirrikjedux tibdil, issir riforma fis-sistema 'tradizzjonali' tal-bradelli, imnebbħa minn dik li tintuża fil-purċissjonijiet popolarissmi, devoti u mill-aktar solenni li jsiru fi Spanja matul il-Ġimgħa Mqaddsa, kif ukoll it-tibdil tal-konfratiji u abiti oħrajn li jintlibsu mill-parteċipanti tal-purċissjoni.

Wara li sentejn ilu ġiet imżanżna l-istatwa ta' Ġesù fil-ġnien tal-Ġetsemani, jew kif inhi magħrufa aħjar, *L-Orazzjoni fl-Ort*, din is-sena żżanżnet it-tieni statwa, dik ta' Ġesù marbut mal-kolonna, bħal ta' qabilha xogħol fl-injam ta' Michael u ibnu Adonai Camilleri Cauchi. Il-kolonna tagħha ġiet maħduma b'sengħa kbira mill-imgħallem Ino M. Attard, li huwa wkoll membru tal-Kumitat tal-Ġimgħa l-Kbira. Qabel ma ngħatat il-kulur, din l-istatwa ġiet esebita fil-bażilika għal jumejn – aktar kmieni fir-Randan, fis-7 u t-8 ta' April 2011 – meta kienet għadha fuq l-injam.

Iżda kellu jkun il-jum tas-Sibt 16 ta' April, eżattament lejlet Ħadd il-Palm, tard wara nofs in-nhar, li xirfet fuq wiċċ il-parruċċani u dawk kollha li għandhom għal qalbhom żmien il-Ġimgħa l-Kbira, espressjoni ta' sodisfazzjon u ammirazzjoni, hekk kif l-istatwa ġdida ta' Ġesù marbut mal-kolonna, kompluta minn kollox, intlaqgħet mill-Banda Ċittadina *La Stella* f'Salib it-Tiġrija u ttellgħet proċessjonalment lejn il-bażilika, akkumpanjata mid-daqq tal-marċi funebri, sinonimi ma' dan iż-żmien partikulari tas-sena, u mill-fratellanzi tal-parroċċa rrappreżentati mill-istendardi rispettivi tagħhom.

Mal-wasla fil-bażilika, l-istatwa tqiegħdet fuq il-bradella temporanja tagħha taħt waħda mill-arkati tal-korsija, biex ftit tal-ħin wara setgħet tibda l-akkademja mużiko-letterarja li fiha ħadu sehem il-Banda *La Stella* u l-Kor tal-Bażilika *Laudate Pueri*. Matul dan il-kunċert, f'bażilika ppakkjata bin-nies, l-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona inawgura uffiċjalment u bierek din l-istatwa ġdida. Din l-istatwa ħarġet mill-ġdid mill-bażilika nhar Ħamis ix-Xirka fil-għaxija, din id-darba flimkien ma' l-istatwi l-oħrajn, fil-purċissjoni devota, l-aktar waħda antika f'Għawdex, u unika fil-gżejjer Maltin għall-istil tradizzjonali li żammet tul l-istorja tagħha.

Il-ħidma tal-Kumitat, imma, m'hix marbuta esklussivament ma' dan il-proġett. Hemm ħafna aktar ħidma, iżda li aħna forsi mhux dejjem ninnutaw jew napprezzaw. Il-ħidma tinkludi l-organizzazzjoni tal-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira u dak kollu li din iġġib magħha. Ngħidu aħna, ġiet apprezzata ħafna l-idea li fil-ħruġ tal-purċissjoni jkun hemm is-siġġijiet fil-pjazza għal dawk kollha li jiġu biex jarawha ħierġa; intgħoġob ħafna s-sehem tal-Banda *Konti Ruġġieru* u tal-Grupp ta' l-i*Scouts* li jiġu mistiedna mill-Kumitat biex jingħaqdu mal-Banda *La Stella* fl-akkumpanjament tal-purċissjoni. Matul dawn l-aħħar sentejn bdew jiżżanżnu wkoll konfratiji ġodda għar-reffiegħa ta' l-istatwi u l-ilbies tal-penitenti li jkaxkru s-slaleb, li issa għandhom jgħattilhom rashom kappun vjola li jfakkar fir-rabta tal-Fratellanza ta' Ġesù u Marija ma' l-organizzazzjoni ta' din il-purċissjoni antika.

Il-ħsieb issa huwa li, jekk Alla jrid, il-Kumitat jissokta bix-xogħol fuq l-ilbiesi l-ġodda, filwaqt li s-sena d-dieħla nittamaw li naraw fostna t-tielet statwa ġdida. Dan kollu għandu jgħinna aktar biex nikkontemplaw il-profondità ta' dan iż-żmien mill-isbaħ li fih infakkru l-akbar ġrajja fl-istorja ta' l-umanità.

# "IL-BELT VICTORIA"

## TLETIN SENA TA' SERVIZZ LILL-PARROĊĊA U LILL-GŻIRA

jikteb Francesco Pio Attard, f'isem il-bord editorjali

**Kien bħal dan iż-żmien tletin sena ilu li rat id-dawl l-ewwel ħarġa tar-rivista uffiċjali tal-parroċċa ta' San Ġorġ, *Il-Belt Victoria*, li l-lum qed jaslilkom il-181 għadd tagħha. Għalkemm id-deċiżjoni li l-parroċċa jkollha l-perjodiku stampat tagħha kienet diġà ttieħdet f'seminar parrokkjali fi Frar 1981, l-ewwel numru wasal fl-idejn għall-festa titulari ta' San Ġorġ ta' dik is-sena u kien dak ta' Lulju-Awwissu, billi sa mill-bidu ttieħdet id-deċiżjoni li din tkun rivista bi-mensili, kif bil-ħidma ta' tant kollaboraturi baqgħet sal-lum, l-unika waħda parrokkjali li toħroġ kull xahrejn.**

Il-ħolma ta' rivista ġdida tal-parroċċa ħarġet, bħal farfett mill-fosdqa, mix-xewqa li kellu Mons. Isqof Nikol Ġużeppi Cauchi li l-Knisja lokali, iggwidata mill-ftuħ u s-sens ta' aġġornament tal-Konċilju Vatikan II, tagħmel użu iktar għaref mill-forom ġodda ta' l-istampa u l-ġurnaliżmu Kattoliku biex ixxerred il-messaġġ ta' Kristu u tal-Knisja. F'dan is-sens, kienet tweġiba mħeġġa għas-sinjali taż-żminijiet! Nifhmu wkoll il-ħtieġa tagħha fil-kuntest ta' bosta rivisti jew fuljetti parrokkjali oħra li raw id-dawl f'Għawdex fl-istess epoka, kif naraw f'din il-lista:

| Isem | Parroċċa | L-ewwel ħarġa | Frekwenza |
|---|---|---|---|
| *L-Għid ta' l-Assunta* | Il-Katidral | Awwissu 1965 | annwali |
| *L-Għolja taż-Żebbuġ* | Iż-Żebbuġ | Awwissu 1970 | annwali |
| *L-Għajn il-Kbira* | Il-Fontana | Ġunju 1973 | annwali |
| *Gorgion* | Ix-Xewkija | Ġunju 1973 | annwali |
| *Leħen il-Qala* | Il-Qala | Lulju 1973 | kull tliet xhur |
| *Ix-Xagħra* | Ix-Xagħra | Rebbiegħa 1976 | kull tliet xhur |
| *Il-Belt Victoria* | San Ġorġ | Lulju 1981 | kull xahrejn |
| *Għajnsielem* | Għajnsielem | Awwissu 1981 | annwali |
| *Id-Dawl* | Il-Munxar | Mejju 1983 | annwali |
| *Il-Korpus* | L-Għasri | Ġunju 1984 | annwali |
| *Luminaria* | In-Nadur | Ġunju 1985 | kull tliet xhur |
| *Kerċem* | Ta' Kerċem | Mejju 1989 | kull erba' xhur |


IL-BELT VICTORIA

RIVISTA MAĦRUĠA MILL-PARROĊĊA TA' SAN ĠORĠ — GĦAWDEX.

Nru. 8 — Settembru - Ottubru 1982

EDITORJAL

*NITGĦALLMU DEJJEM*

Iż-żmien jgħaddi u ma jistenna lil ħadd. Il-jiem sbieħ tas-sajf li nkunu ilna nistennewhom sena sħiħa qegħdin jaħarbulna minn taħt idejna bħal dak ir-ramel fin, li magħluq tajjeb fil-pala tal-id jiżgiċċa ħelu ħelu minn bejn is-swaba aktar ma nrossu idejna flimkien. Settembru jfakkarna fil-bidu ta' l-iskejjel, filwaqt li x-xahar ta' Ottubru jwassal miegħu l-bidu tal-klassijiet tad-Duttrina. Il-kampanja li ta' kull sena ssir fil-parroċċa tagħna fl-aħħar ġranet ta' Settembru dejjem ħalliet il-frott tagħha; il-klassijiet tad-Duttrina fiċ-ċentri kollha jkunu mimlija bit-tfal u bl-istudenti żgħażagħ. Biss x'ingħidu għax-xhur ta' wara? Wara l-Milied, il-klassijiet jibdew jitbattlu; il-ħeġġa tal-bidu tibda' tnin, u l-interess minn naħa tal-ġenituri jaqbad it-triq tan-niżla.
Jeħtieġ li l-ġenituri kollha jarawli t-tfal tagħhom jattendu l-klassijiet tad-duttrina, u jippruvaw isegwuhom billi jsaqsu lill-għalliema tat-tfal tagħhom dwar l-imġieba u l-progress ta' wliedhom. Il-ġenituri huma mħeġġa ukoll li jogħodu attenti biex ma jmorrux iħottu bl-eżempji tagħhom dak kollu li b'tant paċenzja ikunu bnew l-għalliema u l-atekisti.
Tajjeb ukoll li nieħdu din l-okkażżjoni sabiex infakkru li t-tagħlim tal-katekiżmu mhuwiex xi prerogattiva tat-tfal biss. Kemm iż-żgħażagħ kif ukoll il-miżżewġin u l-anzjani jeħtieġ jifhmuha li anke huma jeħtieġu t-tagħlim. Għal dawn il-kategoriji m'hemmx klassijiet tad-duttrina, iżda l-parroċċa torganiżża laqgħat minn żmien għal żmien. Tajjeb li nifhmuha li lkoll kemm aħna obbligati nattendu u nieħdu sehem attiv.
Nittamaw li matul din is-sena il-laqgħat kollha li hemm ippjanati jkollhom attendenza tajba u jaħallu l-frott tant mixtieq.

21 ta' SETTEMBRU
JUM IL-KONSAGRAZZJONI

Nhar it-Tlieta 21 ta' Settembru, 1982 jaħbat il-227 anniversarju tal-Konsagrazzjoni tal-Bażilika tagħna mill-Isqof ta' Malta u Għawdex Fra Pawlu Alpheran de Bussan. F'dan il-jum għażiż għall-knisja tagħna l-Eċċ. Tiegħu Mons. Isqof Nikol Cauchi, Isqof t'Għawdex u Dekan tal-Kapitlu ta' San Ġorġ, imexxi Konċelebrazzjoni Pontifikali Solenni mal-Kleru u l-Kapitlu tal-Bażilika.
It-Tempju Ġorġjan kien ġie mibni f'għamla ta' salib latin bil-għajnuna tal-Gvernatur t'Għawdex Francesco de Cordova bejn l-1672 u l-1678. Il-pjanta tal-maqdes kienet ta' l-inġinier Vitor Cassar, iben Glormu. Fir-ritratt fuq ix-xellug tidher il-faċċata tal-Bażilika kif kienet fl-1678. Dan id-disinn juri l-ħsarat i saru fil-faċċata bit-terremoti tal-11 ta' Frar, 1693 u dak ta' l-20 ta' Frar 1743. Fuq il-faċċata l-antika kien hemm l-armi tal-Gran Mastru Cotoner, ta' l-Isqof Molina, ta' l-Isqof Belaguer Cammarasa, ta' l-Università t'Għawdex u tal-Gvernatur De Cordova.

Dawn kienu tletin sena ta' servizz l-aktar utli lill-parroċċa. Fi żmien meta l-użu ta' l-internet bilkemm konna bdejna noħolmuh u r-radju komunitarju kienu għadu biss ħaġa tal-futur, ir-rivista *Il-Belt Victoria* wasslet il-leħen tal-parroċċa mhux biss sa trufha jew mal-gżira kollha, iżda wkoll 'l hemm minn xtutna u ma' l-erbat irjieħ tad-dinja, fejn kienu u għadhom imxerrda tant emigranti Ġorġjani. Serviet ta' ħolqa tant siewja fix-xibka ta' komunikazzjoni li għandha l-parroċċa ta' San Ġorġ. Biex ninqdew bil-kliem programmatiku ta' l-ewwel editorjal, "permezz ta' din ir-rivista (ser) inwasslulkom dak kollu li l-parroċċa tagħna tixtieq twassal ġo djarkom, sabiex il-leħen tagħna jidwi f'widnejn il-membri kollha, kemm kbar u kemm żgħar, u lkoll kemm aħna nħossuna ħaġa waħda". Il-qalb ta' din il-pubblikazzjoni, biex ngħidu hekk, ħabbtet ma' dik tal-parroċċa fil-mumenti qawwija ta' l-istorja tagħha, kemm dawk ta' ferħ u kemm dawk ta' niket.

L-istess editorjal ta' tletin sena ilu jelenka li din kellha tkun rivista "formattiva u informattiva", għan li nemmnu li ntlaħaq... u kif! F'dawn it-tletin sena r-rivista *Il-Belt Victoria* xerrdet il-kelma t-tajba, il-messaġġ ta' Kristu, il-missjoni tal-parroċċa... imma wkoll kull xorta ta' materjal ieħor ta' interess varju, u dan mhux biss fil-qasam strettament reliġjuż. Fiż-żmien, madwarha tfaċċaw bosta inizjattivi simili li ppruvaw jaqbdu l-art imma sofrew mewta naturali... imma *Il-Belt Victoria* baqgħet, għax sabet art tajba.

Fuq kollox, kif jixhed l-isem sabiħ tagħha, din hi r-rivista li bir-raġun kollu tqis ruħha "leħen" għall-Belt Victoria kollha kemm hi, li tagħha San Ġorġ u l-knisja parrokkjali tiegħu huma l-qalba naturali u l-fulkru soċjali. Dan għamlitu fuq il-passi tal-ġurnal popolarissmu *Leħen il-Belt Vittorja* tas-Soċjetà Filarmonika *La Stella*, li kien joħroġ qabilha bejn l-1957 u l-1962. Għoxrin sena wara li waqaf dan il-ġurnal,

> "Fil-beraħ u bla biża' nsemmgħu leħinna, infissru l-fehma tagħna, ngħallmu lil min ma jafx, nikkoreġu l-iżbalji fejn hemm bżonn, u nagħmlu ftit tal-ġid lilna u lil għajrna...


Is-Sbatax il-Ċentinarju mit-Twelid tal-Megalomartri San Ġorġ Patrun ta' Għawdex

Tifkira taċ-Ċelebrazzjonijiet Straordinarji li saru fil-Belt Victoria
April - Lulju 1984


NEWSPAPER POST

IL-BELT VICTORIA

RIVISTA MAĦRUĠA MILL-PARROĊĊA TA' SAN ĠORĠ — GĦAWDEX

Marzu - April 1986 | Nru 29

IL-KAN. DUN SALV BORG - ARCIPRIET GDID


NEWSPAPER POST

Il-Belt VICTORIA

Rivista maħruġa mill-Parroċċa ta' San Ġorġ • Għawdex

Marzu - Ġunju 1998 | Nru. 101 / 102

HARĠA SPEĊJALI

PUSSES TA' MONS DR ĠUŻEPPI FARRUGIA BHALA ARĊIPRIET TAL-PARROĊĊA BAŻILKA TA' SAN ĠORĠ MARTRI ~15 TA' FRAR 1998~


IL-BELT VITTORIA

RIVISTA MAĦRUĠA MILL-PARROĊĊA TA' SAN ĠORĠ — GĦAWDEX.

No. 1 | LULJU - AWISSU 1981

EDITORJAL

Illum, b'wiċċna minn quddiem, qegħdin inħabbtulkom il-bieb ta' djarkom u nitolbukkom tilqgħuna. Żgur li l-ewwel mistoqsija li tberren f'moħħkom ser tkun: "Għaliex ġiet stampata din ir-Rivista?" Għandkom raġun tagħmlu din il-mistoqsija, u aħna, konvinti mix-xogħol li dħalna għalih, inħossuna fid-dmir li nweġbukom.
Il-Parroċċa ta' SAN ĠORĠ, hija parroċċa ħajja u attiva u l-bibien tagħhom huma miftuħa beraħ minn qabel sbiħ il-jum sa' tard bil-lejl. Fiha eluf ta' nies isibu l-kumdità kollha li jistennew f'dik li hi amministrazzjoni ta' sagramenti u affarijiet oħra bħal dawn.

Biss ma nistgħux inserrħu moħħna b'daqshekk. Il-komunità parrokkjali tagħna hija mifruxa mal-erbat irjieħ tar-Rabat, u ħafna huma dawk li għalkemm jiffurmaw parti mill-komunità parrokkjali tagħna jinqdew bi knejjes oħra żgħar aktar qrib lejn djarhom. Minħabba f'hekk qed jgħaddi xi żmien minn meta jkunu żaru l-Knisja tagħna.

B'din is-sitwazzjoni quddiem għajnejna, ħassejna l-ħtieġa ta' din ir-rivista, sabiex isservi ta' ħolqa bejn il-parroċċa tagħna u l-membri kollha tal-komunità parrokkjali, kemm dawk li joqogħdu viċin kif ukoll dawk li huma mxerrda mar-Rabat kollu. Permezz tar.rivista ser inwasslulkom dak kollu li l-parroċċa tagħna tixtieq twassal ġo djarkom, sabiex il-leħen tagħha jidwi f'widnejn il-membri kollha, kemm kbar u kemm żgħar u lkoll kemm aħna nħossuna ħaġa waħda.

Hu l-ħsieb tagħna li din ir-rivista Ġorġjana tkun formattiva u informattiva. Aħna nwegħdukom li nagħmlu ħilitna kollha biex kull darba li nħabbtulkom l-bieb nagħtukom materjal mill-aqwa miktub minn nies ta' l-affari tagħhom, nies li bħalna huma konvinti bl-importanza li għandha l-Parroċċa ta' San Ġorġ tal-Belt Victoria.

Li nistennew mingħandkom huwa biss li
* taċċettawna
* taqraw dak li nwasslulkom
* tgħinuna biex din il-ħolqa ġdida tikber u tissaħħaħ u torbotna dejjem iżjed flimkien.

SAN ĠORĠ MARTRI

WASLET IL-FESTA

Kull meta jibda riesaq ix-xahar ta' Lulju, il-qalb ta' kull Ġorġjan tibda tħabbat bil-qawwi u ġo fiha tħoss bħal ferħ u entużjażmu speċjali. U bir-raġun, għaliex fit-tielet Ħadd ta' dan ix-xahar, il-Parroċċa tagħna tiċċelebra b'sollennità kbira l-festa tal-Patrun t'Għawdex SAN ĠORĠ MEGALOMARTRI.

Dan il-ferħ speċjali li jħossu jimraħ fi qlubhom il-Ġorġjani kollha f'dan iż-żmien tas-sena, jinfirex mal-gżira Għawdxija kollha u jibqa' sejjer ukoll sal-gżira l-oħra oħtna, Malta. Dan jixħduh il-mijiet ta' nies li jiġu għall-festa tagħna minn kull rokna ta' Għawdex u Malta.


IL-BELT VICTORIA

Ħarġa Speċjali F'Għeluq l-1700 Sena Mit-Twelid Ta' San Ġorġ Martri

Nru 10
Lulju - Awissu 1984

# Kummenti mill-ewwel "editur"

**Minn meta bdiet toħroġ fl-1981 sa l-2005, is-Sur Michael A. Cassar kien prinċipalment responsabbli mit-tfassil u l-editjar tar-rivista *Il-Belt Victoria.* Michael, li sakemm ħareġ bil-pensjoni xi sninu ilu kien iħaddan il-professjoni ta' edukatur, kien kollaboratur attiv ħafna fl-amministrazzjoni tal-parroċċa, u flimkien ma' bosta oħra ra lil din ir-rivista tikber, mill-ewwel passi ta' tarbija tat-twelid għal raġel fl-aħjar ta' żmienu. Dawn huma l-kummenti li ħallielna fl-okkażjoni tat-tletin sena mit-twaqqif ta' din ir-rivista.**



Wara li kien sar seminar fid-Dar *Stella Maris*, iż-Żebbuġ, fl-1981, meta kellu f'idejh it-tmexxija tal-parroċċa Mons. Emanuel Mercieca, ġie deċiż li tibda tiġi ppubblikata rivista bl-isem *Il-Belt Victoria.*

Naturalment dak iż-żmien ma kienx hawn il-mezzi tal-komunikazzjoni li għandna l-lum. Allura, billi l-parroċċa tagħna hija mifruxa mar-Rabat kollu, inħass il-bżonn li kull xahrejn tinħareġ rivista. Fl-ewwel ħarġa tar-rivista nsibu messaġġi mill-Isqof Nikol Ġ. Cauchi u mill-Arċipriet Mercieca.

Niftakar li meta l-Arċipriet Mercieca mar l-Awstralja, hu kien ġab miegħu l-indirizzi ta' Ġorġjani li xtaqu jibdew jirċievu din ir-rivista. Għamilna wkoll appell lill-parruċċani kollha biex jagħtuna indirizzi tal-familjari tagħhom fl-Istati Uniti, il-Kanada u l-Ingilterra. *Il-Belt Victoria* ma kinitx iżżomm bir-riklami imma b'donazzjonijiet mill-qarrejja.

Meta bdiet toħroġ ir-rivista, ġiet irreġistrata u b'hekk kellna l-obbligu li nibagħtu kopja lill-Bibljoteka ta' Malta u ta' Għawdex u lil xi ħadd ieħor. Jiena ma kontx l-editur, għax dak iż-żmien, billi kont impjegat tal-Gvern, ma stajtx inkun. Allura bħala editur deher Dun Feliċ Tabone.

Billi kienet toħroġ kull xahrejn, kellna dan il-pjan f'moħħna... Il-ħarġa ta' Jannar-Frar toħroġ f'nofs Frar biex inġibu l-programm ta' l-Eżerċizzi Spiritwali. Fil-ħarġa ta' Marzu-April kien ikollna tagħrif fuq il-Ġimgħa Mqaddsa u l-festa liturġika ta' San Ġorġ. Fil-ħarġa ta' Mejju-Ġunju kien ikun hemm tagħrif differenti. Il-ħarġa ta' Lulju-Awissu konna noħorġuha kmieni f'Lulju biex inkopru l-Festa tagħna. Dik ta' Settembru-Ottubru kienet tiftaħ is-sena soċjali, u naturalment dik ta' Novembru-Diċembru kienet tkun fuq il-Milied.

Kif ingħad fl-ewwel ħarġa, l-għan kien li noħolqu djalogu mal-parruċċani mingħajr ma noħolqu xi tip ta' kunflitti. Nittama li dan l-iskop ilħaqnieh. Kontributuri kien ikollna dejjem, imma naturalment trid tistinka. Imma kollox mexa ħarir, u nittama u nawgura li l-iskop li għalih bdiet tiġi ppubblikata jibqa' f'moħħ kulħadd.

...jagħlaq minn paġna 3

għeżież qarrejja, fl-okkażjoni tat-tletin sena minn meta ħarġet għall-ewwel darba din ir-rivista bi-mensili, *Il-Belt Victoria.* Kien fi żmien il-mibki Arċipriet Mons. Emanuel Mercieca, fi Frar 1981, li waqt seminar parrokkjali gie deċiż li noħorġu din il-pubblikazzjoni. L-ewwel ħarġa kienet ta' Lulju-Awwissu 1981. Is-Sur Michael A. Cassar kien l-ewwel 'editur' tiegħu, ħadem ħafna u għal żmien twil, biex il-lum din ir-rivista għandha dan is-suċċess hekk kbir. Grazzi, Michael!

Din ir-rivista hija strument utli ħafna biex nifformaw u ninformaw lill-qarrejja Ġorġjani kollha, u mhux biss. F'din ir-rivista nsibu d-djarju tal-parroċċa, artikli li jitkellmu fuq avvenimenti partikolari ta' matul is-sena pastorali, kif ukoll fuq suġġetti interessanti rigward temi partikolari bħall-istorja tal-bażilika, u tant suġġetti oħrajn. Insibu wkoll il-Kelma ta' l-Arċipriet, u ġie li kienu ppubblikati l-omeliji, speċjalment ta' l-Isqof, f'ċirkustanzi partikulari. Hija mezz ta' formazzjoni spiritwali u jkun hemm kontributi ta' formazzjoni duttrinali, liturġika u kulturali. Dan biex ma nsemmux ukoll is-supplimenti okkażjonali li joħorġu minn żmien għal żmien.

**Kelma ta' ħajr**

Nixtieq mill-qalb insellem u nirringrazzja lill-bord editorjali attwali għall-ħidma siewja tiegħu u għall-impenn sħiħ tiegħu biex iwassal għarfien fuq il-ħajja tal-komunità parrokkjali lill-qarrejja mhux biss fi xtutna, iżda lil hinn minna, fl-Ewropa, fl-Awstralja u fl-Amerika. Jeħtieġ verament napprezzaw dan l-isforz hekk kbir u li jitlob sagrifiċċju mhux żgħir minn min jieħu ħsieb ir-rivista. Ma ninsewx li dan kollu jsir gratwitament, u għalhekk nagħmel appell biex tagħtu l-kontribut tagħkom. Il-Mulej ikun magħkom u jdawwalkom. Grazzi, u awguri mill-qalb lil *Il-Belt Victoria*!

Nirringrazzja lill-Qdusija Tiegħu l-Papa Benedittu XVI għal din ir-riflessjoni li permezz tagħha ġejna mdawlin u nawguralkom qari siewi tal-Kelma ta' Alla u ta' kull letteratura oħra tajba. Il-Mulej iberikkom.

## GAZZETTI MIS-SNIN SITTIN, SEBGĦIN U TMENIN

Billi bħalissa fl-Arkivju tal-Bażilika ta' San Ġorġ għaddej xogħol ta' ġbir ta' materjal relatat mal-parroċċa mill-gazzetti lokali ta' l-imgħoddi, inkunu grati lejn dawk il-qarrejja li huma fil-pussess ta' ħarġiet mill-perjodu bejn l-1960 u l-1990 li jistgħu jagħtuna nota tad-dati tagħhom biex imbagħad nagħmlu fotokopja għall-arkivji tagħna. Għadna wkoll infittxu ritratti qodma mill-istorja ekkleżjastika u soċjali tar-Rabat li nistgħu nagħmlu kopja tagħhom, fost l-oħrajn ta' saċerdoti Rabtin. Grazzi ta' l-għajnuna tagħkom.



# Mons. Lwiġi Vella u San Ġorġ

**F'Jannar li għadda, fil-*Banca Giuratale* fi Pjazza Indipendenza, il-Belt Victoria, il-Kunsill tal-Kultura u l-Informazzjoni fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex tella' wirja kommemorattiva fuq Mons. Lwiġi Vella (1859-1928), magħruf aħjar bħala Dun Alwiġ ta' Savina. Devot kbir ta' l-Ewkaristija, f'ħajtu Dun Alwiġ iddistingwa ruħu bħala wieħed mill-aktar ulied nobbli ta' beltna u ta' gżiritna, u ħaddan karigi importanti fid-djoċesi. Barra minn hekk, hu kien saċerdot ta' ħajja qaddisa, oratur ta' fama, awtur ta' bosta kitbiet u talb, kif ukoll pubblikatur. Kien hu li fl-1887 beda joħroġ *Id-Devot ta' Marija* u fl-1908 kompla b'*L-Ewkaristija. Ħabbar ta' Ġesù Sagramentat.* Fl-okkażjoni tal-wirja li saret f'ġieħu, tlabna lil Mons. Anton Gauci, neputi tiegħu, jagħtina artiklu għal din ir-rivista li jittratta d-diversi rabtiet li Monsinjur Vella kellu mal-parroċċa ta' San Ġorġ. Ħajr ukoll lil Mons. Gauci u lil Dun John Meilak għall-istampi li pprovdewlna għal ma' l-artiklu.**

Sa mill-bidu tal-ħajja tiegħu, Mons. Lwiġi Vella jew, kif huwa komunement magħruf, Dun Alwiġ ta' Savina, kien marbut sewwa mal-knisja ta' San Ġorġ. Fil-fatt, kif hemm imniżżel fit-tieni volum tal-*Liber Baptizatorum* tal-parroċċa ta' San Ġorġ, kien hawn li huwa rċieva s-sagrament tal-Magħmudija mill-Arċipriet Mikiel Buttigieg fil-11 ta' Diċembru 1859 u ġie mogħti l-isem ta' Lwiġi. L-Arċipriet Buttigieg huwa dak l-istess arċipriet li, aktar tard, sar l-ewwel Isqof ta' Għawdex. San Ġorġ kien il-knisja fejn il-ġenituri ta' Lwiġi, Mikiel Vella u Maria Teresa Mercieca, kienu regolarment imorru għad-dmirijiet reliġjużi tagħhom, fost l-oħrajn il-Quddiesa ta' kuljum.

Ir-rabta ta' Dun Alwiġ ma' San Ġorġ insibuha anki sa mit-tfulija tiegħu. Kien f'San Ġorġ li ċ-ċkejken Lwiġi kien jittieħed jisma' l-Quddies u kien hawn li, aktar tard, huwa beda anki jgħin il-Quddies. Wara li ħa t-tonsura, meta kellu biss sittax-il sena, Lwiġi kien iservi regolarment f'San Ġorġ. Fil-kitba tiegħu hemm imniżżel li fit-2 ta' Marzu 1878 huwa ħa parti bħala seminarista fil-funeral tal-Papa Piju IX, il-lum beatu, li kien inżamm f'San Ġorġ.

F'dik l-istess sena, 1878, fit-8 ta' Diċembru huwa għamel parrinu fil-Magħmudija tan-neputi tiegħu Mikiel f'San Ġorġ. U fil-21 ta' l-istess xahar Lwiġi ġie ordnat lettur u eżorċista f'ordinazzjoni miżmuma f'San Ġorġ mill-Isqof Pietru Pace. L-istess annotamenti tiegħu jgħidulna li s-seminarista Lwiġi ħa parti f'purċissjoni minn San Ġorġ għall-knisja tal-Kapuċċini, li kienet inżammet bl-istatwa ta' San Ġorġ bħala talba għax-xita. Kien fl-istess knisja ta' San Ġorġ li s-seminarista Lwiġi reġa' assista għall-Magħmudija tan-neputijiet Maria Carmela u Ġorġ fl-21 ta' April 1881 u fil-11 ta' Mejju 1881 rispettivament: din l-aħħar ġurnata kienet l-ewwel jum tat-Tridu ta' San Ġorġ, filwaqt li s-saċerdot li għammed kien ħuh Dun Ġużepp. Dun Alwiġ saħansitra jinnota meta żar il-knisja ta' San Ġorġ fl-okkażjoni tal-Ġublew tal-Papa Ljun XIII tas-sena 1881.

Jinnota wkoll li, wara li ġie ordnat suddjaknu, fil-15 ta' Jannar 1882 huwa għamel ministru f'San Ġorġ f'Quddiesa solenni fil-festa ta' l-Isem ta' Ġesù. Imbagħad, wara li ġie ordnat saċerdot fit-23 ta' Diċembru 1882, fil-31 ta' l-istess xahar ta' Diċembru Dun Alwiġ qaddes f'San Ġorġ l-ewwel Quddiesa solenni tiegħu, li kienet saret bil-mużika ta' zijuh il-Kan. Ġorġ Mercieca u li fiha l-Kan. Giuseppe Farrugia kien għamillu l-paneġierku.

Għall-bidu tal-ħidma saċerdotali tiegħu u għal bosta snin wara, Dun Alwiġ baqa' jagħmel parti mill-kleru ta' San Ġorġ. Xhieda uffiċjali ta' dan hija ż-Żjara Pastorali ta' l-Isqof ta' Għawdex Mons Giovanni M. Camilleri tas-snin 1892-1893, fejn jitniżżel mal-kleru ta' San Ġorġ, bħalma kien niżżlu mal-kleru ta' San Ġorġ l-Isqof Pietru Pace fiż-Żjara Pastorali tiegħu tas-snin 1878-1879, meta Dun Alwiġ kien għadu kjeriku.



Ritratt mis-santa tal-mewt ta' Mons. Lwiġ Vella, 17 ta' Lulju 1928.

Dawk iż-żminijiet, fis-sena 1890, Dun Alwiġ kien diġà xandar il-magħruf ktieb tiegħu *Il-Ħajja ta' San Ġorġ Martri*. Dan il-ktejjeb, ta' mhux inqas minn 253 faċċata, kien wieħed mill-ewwel kotba tiegħu, traduzzjoni ta' xogħol tal-ħabib tiegħu Ġużè Muscat Azzopardi PL. Għall-pubblikazzjoni ta' dan ix-xogħol kien il-Kan. Teol. Giuseppe Farrugia, magħruf bħala "Tal-Vers", li lil Dun Alwiġ għamillu n-*Nihil Obstat*.

Il-knisja ta' San Ġorġ kienet il-knisja fejn Dun Alwiġ kien iqaddes kuljum. U kien ukoll hawn fejn prinċipalment huwa kellu l-konfessjonarju tiegħu, li fih kien jgħaddi sigħat sħaħ iqarar. Kienu mijiet il-penitenti tiegħu, minn kull parti tar-Rabat.




N° 49.

Tridu di S. Giorgio M.
Primo Giorno.

Recitato nella Parrocchia di S. Giorgio M.
A di 22 Aprile 1891.

Sac: L. Vella Cappno Ap.

*Xellug:* Ritratt ta' Dun Alwiġ f'età żagħżugħa.
*Fuq:* Dettall mill-qoxra tal-manuskritt ta' l-ewwel priedka tat-Tridu ta' San Ġorġ li Mons. Vella għamel għall-festa titulari fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ, 22 ta' April 1891.

L-istorja turina li fis-sena 1885 Dun Alwiġ kien diġà ppriedka f'San Ġorġ, għalkemm kien ilu tliet snin biss saċerdot. Dan kien fil-31 ta' Mejju 1885, meta għamel il-konklużjoni tax-xahar ta' Mejju. Spiss ħafna kien jippriedka f'San Ġorġ. Fis-sena 1887 ippriedka fuq il-Preżentazzjoni ta' Marija u fl-1888 fuq San Franġisk Saverju. Fis-sena 1896 Dun Alwiġ għamel f'San Ġorġ anki l-Eżerċizzi Spiritwali: dawn kienu jikkonsistu f'seba' priedki, l-ewwel waħda fuq il-Ħniena ta' Alla.

Minn paġna 33 sa paġna 39 tal-ktieb tiegħi *Dun Alwiġ ta' Savina* hemm imniżżla mhux inqas minn 26 priedka li għamel f'San Ġorġ mis-sena 1885 sas-sena 1899, bl-isem tagħhom u bid-data ta' meta saru. Imbagħad, minn paġna 101 sa paġna 108 hemm imniżżla l-ismijiet u d-dati ta' 21 priedka oħra fl-istess knisja ta' San Ġorġ, l-aħħar waħda fis-6 ta' Mejju 1922, jiġifieri sitt snin qabel ma miet. Fost dawn il-priedki hemm paneġierċi fl-okkażjoni ta' l-ewwel Quddiesa ta' saċerdoti bl-ismijiet tas-saċerdot li jkun, Eżerċizzi Spiritwali aktar minn darba, Missjoni lill-poplu tar-Rabat u Tridu tal-Madonna ta' Lourdes f'Ġunju 1908. Ma rridux inħallu barra t-Tridu ta' San Ġorġ, li kien għamel fl-1891. L-Arċipriet Feliċ Refalo kellu idea tajba ħafna ta' Dun Alwiġ bħala predikatur!

Meta ġiet biex tinbena l-knisja ta' Savina, kien l-imsemmi Kan. Teol. Giuseppe Farrugia li għamel il-pjanta tagħha, liema knisja fil-bidu ta' Marzu 1903 kienet lesta kważi minn kollox, tant li fit-8 ta' Frar 1903 l-Isqof Camilleri fetaħha għall-pubbliku. Fl-Għasar ta' l-okkażjoni kien il-Kan. Alfons M. Hili li ffunzjona.

Meta l-istess knisja ta' Savina kellha bżonn tikber, minħabba l-Opri Ewkaristiċi, u kellha bżonn ta' għajnuna minn benefatturi, fost dawn kien hemm l-Arċipriet Feliċ Refalo. Kienet il-knisja li mbagħad fetaħ uffiċjalment il-Kardinal Domenico Ferrata fid-29 ta' April 1913. F'dik l-okkażjoni kienu ħadu sehem iż-żewġ baned tal-Belt Victoria. Il-Banda *La Stella* wasslet lill-Kardinal sal-Palazz ta' l-Isqof, filwaqt li l-Banda *Il Leone* daqqet minn fuq il-bjut u fi Pjazza Savina.


CURUNELLA
LIL
GESU' U MARIA
GHAUDEX
1891.

Kurunella għall-festa ta' l-Ismijiet Imqaddsa ta' Ġesù u Marija ċċelebrata fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ, miktuba u mxandra minn Mons. Vella fl-1891.

Meta Dun Alwiġ waqqaf l-Adorazzjoni Perpetwa fil-knisja ta' Savina, bil-Gwardji ta' l-Unur fis-sena 1904, huwa kellu mijiet ta' msieħba mir-Rabat u mijiet oħra mill-irħula


IL HAJA
TA
SAN GIORG MARTRI
MALTA
1890.

ta' Għawdex. Anzi, kien hemm saħansitra ħafna minn Malta, fost l-oħrajn mill-Belt Valletta, mill-Imdina, minn Tas-Sliema u min-Naxxar. Mill-Belt Victoria kien hemm 455 u b'kollox fuq it-800. Fost il-paniġeristi li Dun Alwiġ kien isejjaħ f'Savina, kien hemm Mons. Lett. Alfons M. Hili.

Interessanti ħafna li ngħidu li, meta miet l-Arċipriet Feliċ Refalo fis-sena 1917, dan Dun Alfons mar ħdejn Dun Alwiġ fid-dar tiegħu sabiex jara jekk Dun Alwiġ kienx sa jagħti l-konkors ħalli jsiru hu l-Arċipriet tar-Rabat. Dun Alfons kellu idea kbira ta' Dun Alwiġ u l-ħbiberija bejniethom kienet ukoll waħda kbira. Dak in-nhar Dun Alfons qal lil Dun Alwiġ: "Inti sa tagħti għal Arċipriet? Biex, jekk inti tagħti, jiena ma nagħtix". U Dun Alwiġ wieġbu: "Le, Fonz, m'iniex sa nagħti. Dak il-post għalik jgħodd". U fil-fatt Dun Alfons sar l-Arċipriet tar-Rabat wara l-Arċipriet Feliċ Refalo. Miet fis-sena 1944. Kont fil-funeral tiegħu u niftakar li, huma u sejrin bih minn San Ġorġ lejn il-Katidral, daħħluh għal ftit tal-ħin fil-*Banca Giuratale* tat-Tokk, peress li bdiet nieżla x-xita.

F'Lulju tas-sena 1909 Dun Alwiġ ħa ħsieb biex fil-knisja ta' San Ġorġ tibda ssir siegħa adorazzjoni bl-espożizzjoni tas-Sagrament f'kull Ħamis ta' wara t-tielet Ħadd tax-xahar, ħaġa li kienet irnexxiet ħafna, bil-knisja mimlija bin-nies. Meta fis-sena 1910 Dun Alwiġ ġab l-istatwa ta' San Tarċisju bħala protettur tal-*Piccoli Paggi*, kien lill-ħabib tiegħu Dun Alfons li huwa qabbad biex jagħmel id-diskors taċ-ċirkustanza.

U meta l-Arċipriet Dun Alfons ried jippreżenta ruħu bħala kandidat politiku fl-elezzjoni ta' wara l-għoti tas-*Self Government* mill-Ingilterra lil Malta, Dun Alfons mill-ġdid mar ħdejn Dun Alwiġ biex jara jekk dan kiex sa jippreżenta ruħu bħala kandidat. Dak in-nhar qallu: "Għax jekk toħroġ int, jien ma noħroġx". Imma Dun Alwiġ mill-ġdid wieġbu: "Le, Fonz, oħroġ għall-affari tiegħek". U fil-fatt l-Arċipriet Hili kien ħareġ kandidat u ntgħażel. Dik il-ħabta, f'Malta u Għawdex, is-saċerdoti kienu jistgħu joħorġu kandidati għall-politika. Anzi f'Malta saċerdot kien anki Ministru ta' l-Edukazzjoni: Mons. Enrico D'Andria, li miet fis-sena 1933.


ID-DEVOT TA MARIA

KARI MALTI TA CULL XAHAR

*Min isib Lili isib il hajja, u jakla is-sahha min ghand Alla. Prov: VIII. v. 35.*

*Min irid jissieheb ghal las tmen soldi cull sit xughur. Il kheh imur ghal Madonna ta Pinu.*

*Leuuel Sena. Ghaudex 1887. N. 1. Decembru.*

LID-DEVOTI TA MARIA

Il fini li ghalih seirin natu bidu lil dan il Kari hua:

1. Leuuelnet biex inxerdu dejem izied fil Gzeier taghna id-devozioni u l' imhabba lein l'Omm taghna Maria.

2. Fit tieni loc sabiex incomplu ix-xeuka ta bosta min Malta u Ghaudex li talbuna uisk drabi li jarau migjub fil lsien taghna malti dach li jinkara "fil *Messaggiere di Maria*" fuk bosta u sbieh grazzi li keda continuament taghmel maghna il *Madonna ta Pinu* ivvenerata bi gbira devozioni fedin il gzira ta Ghaudex.

3. Fit tielet loc sabiex nghar fu lil in sehbin fedan il Kari ir-regali u il pellegrinaggi, li saru u li isiru tul ix-xahar u irġ fil Cnisia tal Madonna li semmeina.


I. Sena — N° 1.
Jannar
1908.

VENITE ADOREMUS

L'EUCARISTIA
HABBAR
TA
GESU' SACRAMENTAT

Jena u il hobs haj, li inzilt mis-sema ...
Min jecol dan il hobs ighejx ghal dejjem.
*Joan. VI. v. 51. 59.*

LILL HBIEB TAGHNA
DEVOTI TA GESÙ SACRAMENTAT.

L' isem li tajna lill dan il Kari zghejr ta cull xahar, juri bizzejjed fukiex sejjer jitchellem u liema ù il fini tieghu.

L' EUCARISTIA: dana l' isem jigbor fih dac collu li nistghu nghejdu fuk Gesù Sacramentat, fuk dan is-Sacrament ta l' Imhabba li permezz tieghu Sidna Gesù Cristu ghogbu jibka maghna bniedmin *bhala Ichel* tar-ruh taghna, *bhala Vittima* issacrificata culljum fis-Sacrificiu tal kuddiesa, *bhala Missier* ta-

Direttur: Mons. Can. Teol. Luigi Vella DD.
Ghaudex – Belt Vittoria – Piazza S. Sabina.

*Fuq.*
*Il-Ħajja ta' San Ġorġ Martri*, imsejsa minn Mons. Vella fuq dik ta' Ġużè Muscat Azzopardi, u stampata f'Malta fl-1890.

*Xellug 1:*
L-ewwel ħarġa ta' *Id-Devot ta' Marija*, Diċembru 1887.

*Xellug 2:*
L-ewwel ħarġa ta' *L-Ewkaristija*, Jannar 1908.

# Membru tal-komunità Ġorġjana tirċievi l-*Pro Ecclesia et Pontifice*



Il-ferħ ta' jum is-solennità festiva ta' San Ġorġ din is-sena kompla jikber bl-aħbar li twasslitilna minn Ruma dak in-nhar fil-għodu, permezz tat-tieni segretarju tal-Papa, Mons. Alfred Xuereb, li s-Sinjura Antoinette Frendo, membru anzjana tal-parroċċa tagħna, kienet qed tiġi mżejna mill-Papa Benedittu XVI bl-ogħla onirifiċenza li s-Santa Sede tista' tagħti lil membru lajk Kattoliku. Din hi l-midalja *Pro Ecclesia et Pontifice* (Għall-Knisja u l-Papa), li tingħata lil dawk il-lajċi li jkunu ddistingwew ruħhom għall-ħidma tagħhom favur il-Knisja u wrew devozzjoni partikulari għall-Vigarju ta' Kristu.

Iċ-ċerimonja ta' l-għoti uffiċjali ta' din l-onorifiċenza saret fil-Kurja Veskovili ta' Għawdex nhar il-Ħamis 4 ta' Awwissu 2011, fis-7.30pm, fejn l-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex, libbes din il-midalja prestiġjuża lis-Sinjura Frendo u lil tliet lajċi oħra Għawdxin li ġew innominati għaliha mid-Djoċesi ta' Għawdex. Għaċ-ċerimonja kien preżenti wkoll Mons. Filippo Colnago, segretarju personali tan-Nunzju Appostoliku f'Malta l-E.T. Mons. Tommaso Caputo, li f'isem il-Qdusija Tiegħu għadda l-parċmina lil dawk li rċivew dan il-ġieħ. F'diskors ċkejken li għamel Mons. Grech, hu qal li Antoinette u sħabha huma eżempju ħaj għall-bqija tal-komunità Kattolika lokali fil-lealtà lejn it-tagħlim tal-Knisja u fil-komunjoni mas-Sede ta' Pietru.

Antoinette Frendo m'hix l-ewwel membru tal-parroċċa tagħna li rċiviet dan l-unur. Biżżejjed insemmu lill-artist Rabti l-Kav. Wistin Camilleri, li fl-1965 ukoll kien ingħata dan il-ġieħ mill-Papa Pawlu VI. Naturalment, lil Antoinette nifirħulha u nawgurawlha kull saħħa u hena.

**Antoinette Frendo**, imwielda Camilleri, twieldet il-Belt Victoria, Għawdex, fil-31 ta' Mejju 1926, minn Ġużepp u Maria Camilleri, u ġiet mgħammda fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ mill-Arċipriet Mons. Alfons Maria Hili. Trabbiet f'familja ta' tnax, fosthom ħuha l-mibki Patri Bonaventura M. Camilleri OFMCONV S.TH.D., li, fost ħidmiet oħra, għal bosta snin kien professur tat-Teoloġija Dommatika fis-Seminarju Maġġuri ta' Għawdex.

Mal-bidu ta' l-Azzjoni Kattolika f'Għawdex, fl-1933, issieħbet bħala membru. Maż-żmien, fi ħdan l-Azzjoni Kattolika hi qdiet bħala presidenta djoċesana tal-Fergħa tan-Nisa, presidenta taċ-Ċirklu *Sant'Anna*, u presidenta ta' l-Assistenza Soċjali. Tat is-sehem sħiħ tagħha biex tikber u tissaħħaħ id-dimensjoni ta' karità, speċjalment fiż-żjajjar lill-morda fl-isptar, id-djar ta' l-anzjani, kif ukoll fi djarhom stess. Għal snin kienet responsabbli bħala presidenta mill-organizzazzjoni ta' attivitajiet reliġjużi u soċjali għar-romol. Hi ppromoviet b'mod assidwu l-ħidma fl-Azzjoni Kattolika u kienet strumentali biex jiġu mħajra jissieħbu membri ġodda fil-ħidma appostolika ta' dan il-moviment. Kienet ukoll imsejħa biex tagħti konferenzi fid-diversi ċirkli, mhux biss ta' l-Azzjoni Kattolika iżda wkoll tal-Leġjun ta' Marija, u laqgħat parrokkjali madwar Għawdex.

Għal ħafna snin kienet attiva bħala membru fil-Kumitat tal-Morda u l-Anzjani f'Għawdex, fil-kwalità tagħha ta' membru ta' l-Azzjoni Kattolika. F'dan il-kuntest mexxiet ħafna 'l quddiem is-solidarjetà mal-morda fi djarhom, b'mod partikulari fix-xiri ta' apparat apposta li jgħin biex tittaffa t-tbatija tal-morda fis-sodda. Għal ħafna snin organizzat ħarġiet reliġjużi-kulturali u pellegrinaġġi, kemm f'Għawdex u kemm f'Malta, li minnhom ibbenefikaw b'mod speċjali anzjani u l-familjari tagħhom minn Għawdex kollu.

Qdiet bħala presidenta, segretarja u membru tal-*Ladies Society* imwaqqfa minn Dun Ġużepp Farrugia, aktar tard arċipriet, fl-1983 fi ħdan il-parroċċa ta' San Ġorġ. Kienet ukoll minn ta' quddiem fit-twaqqif u l-organizzazzjoni tal-kumitat parrokkjali tal-Promozzjoni Umana, liema organu uffiċjali twaqqaf fi żmien l-Arċipriet Mons. Emanuel Mercieca. Kienet strumentali biex tinħoloq xibka ta' komunikazzjoni u solidarjetà ma' diversi familji u membri tal-parroċċa u 'l hinn minnha. Għal ħafna snin iffrekwentat b'regolarità bħala adoratriċi tas-Santissmu Sagrament fil-knisja Ta' Savina, u kienet ukoll waħda mid-Dami tas-Seminarju.


BENEDICTVS XVI PONT. MAXIMVS

AVGVSTÆ CRVCIS INSIGNE

PRO ECCLESIA ET PONTIFICE

EGREGIA OPERA STVDIOQVE CONSPICVIS PRÆCIPVE CONSTITVTVM

*Dnae Antonillae Frendo*

DECERNERE ET LARGIRI DIGNATVS EST, EIDEM PARITER FACVLTATEM

FACIENS SESE HOC ORNAMENTO DECORANDI

EX ÆDIBVS VATICANIS, DIE *VII mensis Iunii, anno MMXI*

*Assessor*

Bejn is-snin 1947 u 1956 kienet għalliema fl-iskejjel primarji tal-Gvern, fejn għamlet żmien tgħallem Malta kif ukoll Għawdex. Miżżewġa lil George, hi rabbiet familja ta' ħames ulied, u l-lum hi wkoll nanna ta' sitta. Fl-1979 rebħet, flimkien ma' żewġha, il-Premju *Qalb tad-Deheb* imniedi mill-Moviment Ta' Kana f'Għawdex, u fl-1994 ġiet innominata minn Għawdex għall-Premju Nazzjonali *L-Anzjana tas-Sena* bħala rikonoxximent ta' snin twal ta' ħidma ta' solidarjetà u promozzjoni umana fid-diversi aspetti tagħha, liema premju ġie mogħti lilha.

## Qaddisin "Ġorġjani"

RABTIET MAL-KULT TAL-PATRUN TAGĦNA U MA' DAN IT-TEMPJU DDEDIKAT LILU | 35



*Antoine Vassallo*
vasanti@maltanet.net

# Il-Beatu John Henry Newman

## (tifkira liturġika fid-9 ta' Ottubru)

John Henry Newman intlaqa' fil-Knisja Kattolika mill-Beatu Domenico Barberi fid-9 ta' Ottubru 1845, fi tmiem mixja twila u tqila. Fl-awtobijografija *Apologia Pro Vita Sua* stqarr: "Ħassejtni dieħel il-port wara vjaġġ imqalleb, b'ferħ li għadu ħaj fija!". Jingħad li l-Prim Ministru Gladstone ddeskriva dan il-pass bħala "l-ikbar rebħa għall-Knisja mir-Riforma Protestanta 'l hawn". Lil oħtu Jemina, inkwetata bid-deċiżjoni ta' ħuha li jirriżenja minn *vicar*, kien kitbilha: "Issa ilni konvint li l-Knisja Rumana hi l-vera. Nemmen li noffendi 'l Alla jekk nibqa' kif jien. Nibża' nitħad il-grazzja divina".

Dawk li jiktbu fuqu jħobbu jagħtu importanza liż-żmien li kien fil-Mediterran, inkluża Malta, minn tmiem l-1832, u l-marda fi Sqallija, meta rrepeta: "Qatt ma dnibt kontra d-Dawl tal-Kelma ta' Alla". Sadattant studja bil-reqqa s-Santi Padri, speċjalment "ħbiebi tar-raba' seklu": "Huma għamluni Kattoliku!". Kienu snin ta' valutazzjoni intellettwali rigoruża: fl-aħħar intebaħ li ma setax jikkuntenta ruħu bit-"triq tan-nofs"; il-kuxjenza wasslitu għall-firda definittiva, anki jekk trawmatika. Ovvjament baqa' jgħożż il-ġid li rċieva; baqa' marbut mat-tradizzjonijiet validi fl-Anglikaniżmu. Iżda snin wara, meta kien hemm min semma li qiegħed jerġa' jaħsibha, wieġeb: "Inkun veru imbeċilli jekk fi xjuħiti kelli nitlaq l-art tnixxi ħalib u għasel biex immur f'belt it-taħwid u dar l-iskjavitù!". Ma ninsewx li sa mill-1833 kien involut fl-*Oxford Movement* – sforz biex iċ-*Church of England* terġa' ssib l-għeruq Kattoliċi.



Fil-ħafna kitbiet tiegħu mhux darba u tnejn semma lil San Ġorġ. Ngħidu aħna, fil-*Historical Sketches* jagħti "qima lil San Ġorġ" (mill-ħarġa ta' Mejju 1859 tal-perjodiku *Rambler*) u fil-*Verses on Various Occasions* jiddeskrivih bħala kavallier "bla għajb jew biża'" (*Valentine to a Little Girl*). Iżda l-aqwa raġuni għax "Ġorġjan" hi l-fatt li, meta l-Papa Ljun XIII ħatru kardinal fl-1879 fl-ewwel konċistorju tiegħu, tah it-titlu ta' San Giorgio al Velabro – għażla li tidher "naturali" peress li l-qaddis hu patrun ta' pajjiżu. Ftit ġimgħat wara kellu okkażjoni jirreferi għall-"glorjuż Martri" meqjum f'din il-bażilika venerabbli issa taħt ir-responsabbiltà tiegħu. U "nivvinta" rabta oħra Ġorġjana: waħda mill-opri letterarji l-kbar tiegħu, *The Dream of Gerontius*, iġġib l-istess isem ta' missier il-Patrun tagħna!

Newman kien twieled fl-1801: sa minn żgħoritu kien jolqtok bħala ħawtiel, kwiet u mistħi. Kien iħobb jaqra, anki l-Bibbja; iżda kellu ħmistax qabel ma sar prattikanti, b'fehma ċara ta' tagħlim u dommi. Minkejja problemi f'saħħtu u fis-sitwazzjoni finanzjarja ta' missieru, irnexxielu jinħatar *Fellow* fl-Università ta' Oxford. Fl-1825 ġie ordnat u sar kurat; barra ħidma parrokkjali, kien jikteb ħafna, ġibda li kompliet, flimkien ma' l-imħabba għall-mużika, tul ħajtu kollha: artikli, kotba, ittri, konferenzi u poeżiji. Waħda minn dawn, biex nillimita ruħi għal dan l-eżempju, saret innu bil-lingwa Ingliża mill-iktar magħruf u popolari fi kwalunkwe denominazzjoni: *Lead, kindly Light.* U nsemmi li *Christmas without Christ* kitibha l-Lazzarett hawn Malta waqt mawra fil-Mediterran fl-1833.

Kull ma jmur kien jargumenta dejjem iktar bil-qawwa fil-kitba u d-diskorsi tiegħu fuq dubji fuq l-Appostoliċità tal-"Protestanti", tant li tkeċċa mill-pożizzjonijiet li kellu. Kien qiegħed jersaq għad-deċiżjoni personali definittiva; fost l-oħrajn, impuls sew tawhulu kwotazzjoni minn Santu Wistin (*"securus judicat orbis terrarum"*, kontra l-eretiċi Donatisti) u l-pjan li titwaqqaf djoċesi f'Ġerusalemm b'isqof li jintgħażel darba mill-Gvern Anglikan Ingliż u darba mill-Gvern Luteran tal-Prussja. Fl-1843 għamel l-aħħar priedka ta' Anglikan, u rriżenja mill-aħħar inkarigu. Fl-1846 ġie ordnat saċerdot Kattoliku f'Ruma mill-Kardinal Franzoni u rċieva dottorat mill-Papa Piju IX.

Newman sar membru tal-Kongregazzjoni ta' l-Oratorjani, imwaqqfa minn San Filippu Neri, u fl-1848 beda Oratorju f'Birmingham, bi skola famuża miegħu. Anki peress li kienet għadha kemm reġgħet twaqqfet ġerarkija Kattolika fil-pajjiż, bosta ħarsu bl-ikrah lejh. Forsi b'riżultat ta' dan, tilef kawża ta' libell inġustament, iżda n-nefqa ġabruhielu, anzi biż-żejjed inxtrat art b'kappella u ċimiterju, fejn indifen. Fl-1854 aċċetta l-istedina ta' l-isqfijiet ta' l-Irlanda biex ikun rettur-fundatur tal-*Catholic University of Ireland.* U biż-żmien il-maġġoranza fehmet sew il-kobor tal-ħsieb tiegħu: bosta kienu dawk li saru Kattoliċi minħabba fih. Kitbietu influwenzat il-Konċilju Vatikan II, u hemm erba' kwotazzjonijiet tiegħu fil-*Katekiżmu* (1992). Jeżistu ċentri bl-iskop li jxerrdu tagħlimu u d-devozzjoni lejh. Żgur m'hux possibbli tgħid kollox fuqu! Wara li ġie ddikjarat venerabbli fl-1991, il-konferma ta' miraklu bl-interċessjoni tiegħu wasslet biex Benedittu XVI, waqt l-ewwel żjara statali fil-Gran Brittanja minn Papa – b'motto dak li ħa l-Kardinal Newman stess: *"Cor ad cor loquitur"* ("Qalb tkellem lil oħra") – għollieh għall-qima ta' l-altari fid-19 ta' Settembru 2010.

*Iktar tagħrif tahulna Dun Geoffrey George Attard fin-numru 176 ta' din ir-rivista, u nissuġġerilkom taqraw l-artiklu ta' Dun Fabio Attard* SDB *fil-volum enċiklopediku* SAN ĠORĠ, *paġna 65.*

# ROKNA għat-tfal



Għeżież tfal,

Kif intom? Nittama li tinsabu tajbin u li qed tgawdu l-vaganzi tas-Sajf. Dan għalhekk jiġi, u għalhekk l-iskejjel jagħlqu l-bibien tagħhom: biex intom issibu ħin għall-mistrieħ u għad-divertiment. *"All work and no play will make Jack a dull boy"*, jgħidu l-Ingliżi, u hekk hu. Kollox irid ikun fil-ħajja: hemm ħin għax-xogħol imma hemm ħin ukoll għall-mistrieħ. Student bil-għaqal isib ħin għal kollox. Mela la bħalissa s-Sajf, iddevertu kemm tifilħu, araw li ma tkorrux, u agħmluha dejjem ma' kumpanija tajba. Sibu ħin ukoll biex tagħtu daqqa t'id id-dar u, iktar importanti minn hekk, tabbandunawx il-kotba għal kollox. Iddedikaw ftit ħin kuljum għal qari tajjeb u bis-sens. Araw ukoll l-aħbarijiet biex tkunu tafu x'għaddej madwarna.

Ċert li gawdejtu sew il-festa sabiħa ta' San Ġorġ li kellna: festa kbira mifruxa fuq għadd ta' jiem li ġibdu lejn il-belt tagħna ħafna nies minn kull rokna tal-gżira tagħna u minn Malta wkoll. Iltqajt ma' ħafna minnkom lebsin il-flokkijiet tal-festa, jiġru mal-marċijiet u anki preżenti għall-funzjonijiet sbieħ li kellna fil-bażilika. Issa dan kollu għadda u ninsabu f'Awwissu, meta fir-Rabat ikollna festa oħra kbira u għażiża ddedikata lil Ommna Marija Mtellgħa s-Sema bir-ruħ u l-ġisem. Araw li ssibu ħin tmorru tinvistawha u fil-jum tal-festa tagħha ma titilfux il-Quddiesa u t-tqarbina, għax Ommna Marija b'dawn li tieħu gost l-iżjed. Taraw li l-festi qed jitgerbu ġmielhom, għax iż-żmien ma jistenna lil ħadd u, kif jgħid il-qawl Malti, "Ħadd wara Ħadd fl-aħħar tasal ta' kulħadd".

Mela agħmlu użu tajjeb miż-żmien u ma tagħmlu xejn ħażin jekk kultant u tant tirfsu l-għatba tal-librerija u tissellfu xi żewġ kotba! George J. Cassar u sħabu jkunu qed jistennewkom biex jaqdukom u jgħinukom. Tinsewx li ktieb tajjeb huwa teżor...

*Iz-Ziju Joe*




Tpinġija li qasmet magħna l-qarrejja regolari tagħna Graziella Gambin għall-festa ta' din is-sena, li turi lil San Ġorġ fuq iż-żiemel u rebbieħ fuq id-dragun.

## KOMPETIZZJONI

Ħa ngħaddu issa għall-kompetizzjoni u naraw min jaf ikompli dawn l-erbat iqwiel li ġejjin.

...l-għeneb iħallik tmissu.
...l-baħar tibda tisma' ħissu.
Il-gendus jintrabat minn qrunu u...
Tieħu bla ma trodd...

**Ibagħtu t-tweġibiet tagħkom liz-Ziju Joe, 11/"Marjos, Triq Sir Paul Boffa, Victoria VCT 2111, Għawdex, sa nhar l-Erbgħa 31 ta' Awwissu 2011.** Bix-xorti fost dawk li jwieġbu tajjeb għandna ktieb bil-Malti ġentilment mogħti lilna minn Dr Joe Zammit Ciantar.

Ir-rebbieħa tal-kompetizzjoni li għamilna fil-ħarġa ta' Marzu-April 2011 għall-isbaħ poeżija fuq San Ġorġ huma tnejn, u ħa nagħtuhom premju kull wieħed: Graziella Gambin ta' Nru 14, Flat 2, Triq il-Għajn, il-Fontana, u Owen Micallef Sultana ta' Flat 15, Triq Dr Anton Tabone, il-Belt Victoria.

## Donazzjonijiet

Paul Grech (Victoria) – €20 | Dr Eddie Rapa MD (Tas-Sliema) – €10.

*Inġeddu l-appell tagħna lil dawk kollha li jistgħu jgħinuna b'donazzjoni, ċkejkna kemm hi ċkejkna.*
*Ibagħtu d-donazzjonijiet tagħkom fuq l-indirizz li jinsab fit-tieni paġna.*

Mużew tagħna - Mużew għal kulħadd | 14
LEJN TWETTIQ TA' ĦOLMA

*Antoine Vassallo*
vasanti@maltanet.net

# Restawr u Disinn

Fil-5 ta' Awwissu 2011 sa fl-aħħar deher ir-riklam għar-restawr ta' l-altar maġġur l-antik. Ir-riklam minnu nnifsu ma tridx xi għerf biex tiktbu, għalkemm anki għal ħaġa "żgħira" hekk hemm ir-regolamenti; id-diffiċli hu d-dokument biex jitqassam lil dawk li juru interess. Allura domna mhux ħażin niddiskutu u nemendaw abbozz wara l-ieħor. Jikkonsisti fi ftit paġni mhux ħażin u talbuhulna ditti kemm barranin u kemm Maltin – sinjal sabiħ!

Ħassejna li, barra l-kundizzjonijiet u l-proċeduri ta' kuntratt bħal dan, inklużi l-kriterji għall-għażla, kellna nżidu ftit tagħrif fuq l-importanza storika u artistika ta' l-altar. Imbagħad sintendi ridna nuru ċar x'aħna nistennew minn min jintgħażel: nefqa ta' xi €40,000 fuq dan l-aspett tal-proġett tirrikjedi pjan dettaljat u serju!

Ħafna mill-qarrejja żgur jiftakru li, minħabba l-entużjażmu għall-altar il-ġdid "tal-Bażilika" ħamsin sena ilu, ma ngħatatx l-attenzjoni xierqa fiż-żarmar tal-"qadim", anki jekk ma nistgħux ngħidu li ma kienx apprezzat il-valur sustanzjali tiegħu **(ara ritratt 1)**. Allura ta' min jirringrazzja lil Frank Mizzi li – kważi kważi fuq inizjattiva personali tiegħu – ħa ħsieb li l-biċċiet ma jintilfux u jinġabru b'mod li ma jkomplux jitkabru.

Bħala parti mill-ħidma tagħna għall-ħolqien tal-Mużew, il-partijiet kollha ttieħdu f'garaxx **(ara ritratt 2)** fejn seta' jsir studju bir-reqqa kollha, u hekk nissimplifikaw ftit ix-xogħol tar-restawraturi. Għalkemm konna għadna ma nafux kif sa nkunu nistgħu nħallsu, mill-ewwel konna "deċiżi" li dan l-altar ma jistax jitħalla barra minn dan iċ-ċentru kulturali ġdid. U allura kemm ilqajna bil-qalb l-opportunità li offrietilna l-iskema tal-Ministeru għal Għawdex fil-viżjoni *eko-Għawdex*! Fil-ħarġiet ta' qabel spjegajt x'seħħ minn meta mlejna l-formola bil-mira tagħna lejn tmiem l-aħħar ta' l-2010. Allura ma għandi bżonn inżid xejn iktar ħlief li sa jkun possibbli żżuru u taraw il-proċess tar-restawr u li sa jinżamm rendikont fotografiku biex jiġi ppubblikat. Dan stess isir parti mill-wirt kulturali li jirtu ta' warajna!

Sintendi l-altar sa jkun wieħed biss mill-esibiti, u l-intern tal-Mużew irid jitlesta qabel. Fil-fatt dan l-aspett miexi sew, anki jekk strutturalment jidher li ma tħarrikniex minn fejn wasalna qrib il-Milied! Kif semmejt tant drabi, anki waqt is-sensiela ta' kull nhar ta' Tlieta fuq

*jissokta f'paġna 27...*



L-altar maġġur il-qadim tal-Bażilika ta' San Ġorġ qed jiżżarma f'Novembru 1960 biex jagħmel wisa' għall-ġdid (Ħajr: Frank Mizzi).



Biċċiet mill-altar maġġur il-qadim imqiegħda waħda ħdejn l-oħra għar-restawr u l-bini mill-ġdid tiegħu.

Programm Operazzjonali I – Politika ta' Koeżjoni 2007-2013
*Ninvestu fil-Kompetittività għal Kwalità ta' Ħajja Aħjar*
Proġett parzjalment iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea
Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (ERDF)
Rata ta' Kofinanzjament: 72.25% Fondi UE; 12.75% Fondi Nazzjonali; 15%NGOs
***Ninvestu fil-futur tagħna***

# Mid-Djarju Parrokkjali

KRONAKA TAL-PARROĊĊA

Ġunju - Lulju 2011



*Andrew Formosa*

info@sangorg.org

» **2 ta' Ġunju**

**Fil-għaxija:** L-Arċipriet temm uffiċjalment it-Tberik tal-Familji għal żmien l-Għid

**06.00pm:** Kull nhar ta' Ħamis komplew fil-bażilika d-disa' Ħamisijiet ta' San Ġorġ, b'saċerdoti differenti tal-parroċċa jiġu mistiedna jmexxu l-Quddiesa u jagħmlu l-omelija fuq il-qaddis.

» **4 ta' Ġunju**

**08.15pm:** Il-Kor *Laudate Pueri* tella' l-kunċert *Tina l-Ħlewwa* fil-bażilika bħala parti mill-attivitajiet ta' *Lejlet Lapsi Notte Gozitana 2011*. Fost attivitajiet oħrajn, il-Kunsill tal-Kultura u l-Informazzjoni fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex tella' fil-*Banca Giuratale* wirja b'abbozzi ta' pitturi tal-Prof. Gian Battista Conti fil-Bażilika ta' San Ġorġ.

» **8 ta' Ġunju**

**08.00pm:** Fetħet l-erbatax-il edizzjoni tal-*Victoria International Arts Festival* bl-inawgurazzjoni ta' mudell ta' *Antunes Harpsichord* tas-sena 1785 u kunċert fuqu mill-pjanista Ingliża Bridget Cunningham, taħt il-patroċinju tal-Prim Ministru l-Onor. Dr Lawrence Gonzi; dan l-istrument mużikali nxtara b'fondi minn skema ta' *eko-Għawdex* fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex. Il-festival kellu kunċerti kważi kuljum, li nżammu fil-bażilika, fl-Awla *Mons. Giuseppe Farrugia*, jew fi Pjazza San Ġorġ.

» **19 ta' Ġunju**

**07.00am:** Fetħet l-iskeda sħiħa ta' l-istazzjon komunitarju *Leħen il-Belt Victoria* għall-Festa ta' San Ġorġ.

**09.00am:** L-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona mexxa konċelebrazzjoni konventwali, bis-sehem tal-kapitlu u l-kleru, fis-solennità tat-Trinita Qaddisa.

» **21 ta' Ġunju**

**02.15pm:** Inżammet fil-Ministeru għal Għawdex iċ-ċerimonja ta' l-iffirmar tal-kuntratti bejn l-istess Ministeru u diversi entitajiet non-governattivi Għawdxin għall-għoti ta' fondi għal proġetti bħala parti mill-viżjoni *eko-Għawdex* tal-Gvern għal Għawdex. Fost dawn l-organizzazzjonijiet kien hemm il-*Victoria International Arts Festival Foundation*, il-*Fondazzjoni Belt Victoria* u l-Kumitat Storiku-Kulturali tal-bażilika.

» **22-24 ta' Ġunju**

**07.00pm:** Dun Geoffrey George Attard, saċerdot mill-parroċċa tagħna u vigarju koperatur fil-parroċċa ta' Marija Assunta fiż-Żebbuġ, għamel it-tliet priedki tat-Tridu fl-okkażjoni tal-Festa ta' San Ġorġ fil-knisja parrokkjali u arċimatriċi tiegħu f'Ħal Qormi.

» **23 ta' Ġunju**

**07.30pm:** Fuq stedina ta' l-Ordni ta' San Ġwann flimkien mal-Fondazzjoni tal-Kon-Katidral ta' San Ġwann u l-Kapitlu Metropolitan, il-Kor *Laudate Pueri* tella' kunċert korali fl-istess kon-katidral, li nżamm taħt il-patroċinju tal-President ta' Malta Dr George Abela u d-dħul minnu mar għall-karità.

**08.00pm:** Il-*Ħbieb tal-Mużew* fi ħdan il-*Fondazzjoni Belt Victoria* organizzaw *BBQ-Buffet* fi Pjazza San Ġorġ bħala *fundraising* għall-proġett tal-mużew.

» **26 ta' Ġunju**

**09.00am:** Dun Ġużepp Gauci mexxa Quddiesa fis-solennità tal-Ġisem u d-Demm Imqaddsa tal-Mulej u fi tmiemha mexxa purċissjoni Ewkaristika qasira, bis-sehem tal-kapitlu u l-kleru, li daret ma' Pjazza Indipendenza u ntemmet bil-Barka Ewkaristika fil-bażilika.

**11.00am:** Is-saċerdot novell Dun Samuel Grech, mill-parroċċa tal-Madonna ta' Loreto f'Għajnsielem, mexxa konċelebrazzjoni solenni ta' radd il-ħajr għad-don tas-saċerdozju, bis-sehem tal-kapitlu u l-kleru. Kanta l-Kor *Laudate Pueri*, u l-priedka ta' l-okkażjoni għamilha l-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona. Dun Samuel kien ilu għal dawn l-aħħar sentejn jagħti s-servizz pastorali tiegħu fil-parroċċa tagħna.

» **27 ta' Ġunju**

**06.00pm:** Bħala parti mill-Programm tal-Festa, Mons. Emanuel Curmi, direttur tal-*Caritas* djoċesana u fundatur u direttur ta' Dar *Arka*, mexxa Quddiesa fil-bażilika għall-persuni b'diżabbiltà. Wara saret ikla għalihom fid-dar parrokkjali, organizzata mill-*Ladies Society*.

» **29 ta' Ġunju**

**07.00pm:** Fetħet in-Novena ta' San Ġorġ bħala tħejjija għall-Festa, bit-tema *Jien kont hemm*. Tul id-disat ijiem ittellgħu episodji, bis-sehem ta' atturi kbar u żgħar, fejn diversi personaġġi taw xhieda personali fuq il-ħajja ta' San Ġorġ. It-test tħejja minn Antonella Zammit, li ħadet ħsieb id-direzzjoni drammatika, waqt li l-produzzjoni kollha kienet ta' l-Uffiċċju Parrokkjali. Fl-ewwel ġurnata tqassmet stampa kbira lit-tfal li fuqha mbagħad setgħu jwaħħlu *stickers* b'episodji differenti fuq il-ħajja ta' San Ġorġ li kienu jitqassmulhom waħda kuljum. Din it-tifkira kienet ukoll riprodotta fuq *canvas* kbir li tqiegħed fuq il-presbiterju. Il-Quddies tmexxa mis-saċerdoti novelli Dun Samuel Grech (l-ewwel erbat ijiem) u Dun Simon M. Cachia (mill-ħames sat-tmien jum), li wara kull episodju għamlu riflessjoni ċkejkna. Tul in-Novena nżammet ukoll il-Kampanja ta' Ġenerożità. In-Novena din is-sena bdiet tlitt ijiem qabel is-soltu minħabba l-*Prima Messa* ta' Dun Simon.

» **3 ta' Lulju**

**11.00am:** Mons. Emanuel Curmi mexxa koċelebrazzjoni solenni ta' radd il-ħajr, bis-sehem tal-kapitlu u l-kleru, fl-okkażjoni tal-ħamsin anniversarju presbiterali tiegħu. Kanta l-Kor *Laudate Pueri*, u l-priedka ta' l-okkażjoni għamilha l-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex.

» **7 ta' Lulju**

**06.00pm:** L-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona mexxa konċelebrazzjoni fl-aħħar jum tan-Novena ta' San Ġorġ, li fiha saret il-vestizzjoni lil erba' abbatini ġodda. Wara l-Quddiesa ntwera *feature* awdjoviżiv fuq il-kult ta' San Ġorġ, li ntemm billi l-kongregazzjoni laqgħet fil-bażilika bil-kant u ċ-ċapċip l-istatwa ta' San Ġorġ Żagħżugħ. Wara

li nqrat it-talba għall-interċessjoni ta' San Ġorġ, l-istatwa ħarġet lura akkumpanjata mid-daqq ta' l-innu popolari *Lill-Kbir Martri San Ġorġ*. Wara li ntemmet iċ-ċelebrazzjoni fil-bażilika, sar *party* kbir għat-tfal, l-adolexxenti u l-familjari kollha tagħhom fuq il-bejt taċ-ċentru parrokkjali.

**» 8 ta' Lulju**

**10.00am:** Mons. Anton Borg, vigarju parrokkjali, mexxa konċelebrazzjoni, bis-sehem tal-kapitlu u l-kleru, għall-anzjani u l-morda tal-komunità, bis-sehem tal-voluntiera Għawdxin ta' l-Ordni ta' San Ġwann, li fiha ġie amministrat is-sagrament tal-Griżma tal-Morda. Wara saret *tombola get-together* għalihom fiċ-ċentru parrokkjali, organizzata mil-*Ladies Society*.

**08.00pm:** Saret il-preżentazzjoni uffiċjali tal-ktieb ġdid *St George, Gozo's Golden Basilica*, li fetħet b'xi motetti sagri u innijiet mill-Kor *Laudate Pueri*. Għamlu d-diskorsi tagħhom Mons. Arċipriet Pawlu Cardona, l-editur tal-pubblikazzjoni Dun Charles Cini SDB, il-kritiku ta' l-arti Joe Camilleri, u l-erba' awturi. Fi tmiem is-serata, Dun Charles ippreżenta lill-bażilika f'isem missieru u ommu affresk tal-Verġni Marija b'Ġesù Tarbija f'idha, xogħol l-artist Taljan Sergio Favotto. Il-ktieb kien għall-bejgħ mill-bażilika bil-*prepublication price* ta' €35.

**» 10 ta' Lulju**

**04.45pm:** Il-Banda Ċittadina *La Stella* u l-*Victoria Scout Group* akkumpanjaw lis-saċerdot novell tal-parroċċa tagħna, Dun Simon Maric Cachia, minn Triq Alfons Maria Hili sa Pjazza San Ġorġ, fil-korteo ta' qabel il-*Prima Messa* tiegħu li fih kien akkumpanjat mill-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona u l-Arċipriet Emeritu Mons. Ġużeppi Farrugia, is-seminaristi, il-ġenituri, familjari u ħbieb tiegħu.

**05.15pm:** Dun Simon għamel l-ingress solenni tiegħu fil-bażilika, fejn bierek lill-miġemgħa preżenti waqt il-kant ta' l-antifona *Tu es sacerdos* mill-Kor *Laudate Pueri*, li anima ċ-ċelebrazzjoni kollha.

**05.30pm:** Dun Simon mexxa l-Ewwel Quddiesa Solenni ta' Radd il-Ħajr tiegħu, li fiha l-Kor *Laudate Pueri*, taħt id-direzzjoni tal-Kan. George J. Frendo, assistent *maestro di cappella* tal-bażilika, esegwixxa l-*Missa Papæ Marcelli* ta' Giovanni Pier Luigi da Palestrina, u motetti sagri u innijiet oħra. L-Arċipriet Emeritu Mons. Ġużeppi Farrugia għamel il-priedka ta' l-okkażjoni.

**» 11 ta' Lulju**

**08.00pm:** Intemmet l-erbatax-il edizzjoni tal-*Victoria International Arts Festival* bil-Kunċert Sinfoniku u Korali taħt id-direzzjoni tal-Prof. Joseph Vella, bis-sehem tal-Kor *Laudate Pueri*, l-Orkestra Filarmonika Nazzjonali ta' Malta, *The Girls and Men of Rochester Cathedral*, u s-solisti Scott Farrell, Simon Abdilla Joslin u Miriam Cauchi. Fil-kunċert ġew esegwiti xogħlijiet korali u strumentali ta' Mozart, Barber u Vella nnifsu.

**» 12 ta' Lulju**

**06.00pm:** L-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona mexxa konċelebrazzjoni solenni, bis-sehem tal-kapitlu u l-kleru, fil-knisja tar-Ragħaj it-Tajjeb, fiż-żona ta' Taċ-Ċawla.

**08.00pm:** Sar il-ħruġ ta' l-istatwa titulari ta' San Ġorġ min-niċċa, fost l-entużjażmu tal-folla li ħonqot il-bażilika u l-pjazza.

**09.15pm:** Il-Grupp *23four>>* organizza madwar l-istatwa ta' San Ġorġ iċ-*Ċelebrazzjoni ta' Xhieda Kristjana*, li din is-sena tmexxiet mid-Djaknu Daniel Grech u kellha t-tema *Intom il-melħ ta' l-art (Mt 5:13)*; fil-fatt iċ-ċelebrazzjoni kienet tinkludi *feature* awdjoviżiv u fiha tqassmu tifkiriet marbuta ma' l-istess tema.

**» 13 ta' Lulju**

**06.30pm:** Mons. George Grima mexxa l-kant solenni ta' l-Għasar ta' l-ewwel jum tat-Tridu ta' San Ġorġ, bis-sehem tal-kapitlu u l-kleru. Dritt wara, il-Kan. On. Dr Joe Zammit, saċerdot mill-parroċċa tagħna u arċipriet tal-parroċċa ta' l-Immakulata Kunċizzjoni u San Ġużepp tal-Qala, għamel l-ewwel priedka tat-Tridu. Wara saret it-talba tal-Kurunella, u mbagħad Mons. George Bezzina mexxa ċ-ċelebrazzjoni Ewkaristika li ntemmet bil-Barka Sagramentali. Ġew esegwiti l-innu *Georgi Miles Inclite* ta' Mons. Giuseppe Farrugia u l-antifona *Beatus Georgius* b'mużika ta' Paolo Fiammingo u versi ta' San Pier Damiani, mill-kor u l-orkestra taħt id-direzzjoni tal-Prof. Joseph Vella, *maestro di cappella*. Il-kant sar mill-Kor *Laudate Pueri* u l-i*Schola Cantorum Gregoriana* tal-bażilika, li f'dan l-ewwel jum kienu akkumpanjati minn *The Girls and Men of Rochester Cathedral* taħt id-direzzjoni ta' Samuel Rathbone. Għal din is-sena nġab ukoll baritonu ġdid mill-Italja: Alessandro Tirotta.

**» 14 ta' Lulju**

**09.00am:** L-Arċipriet Emeritu Mons. Ġużeppi Farrugia mexxa konċelebrazzjoni solenni, bis-sehem tal-kapitlu u l-kleru, b'suffraġju ta' l-erwieħ tar-ragħajja spiritwali u s-saċerdoti mejtin tal-parroċċa, fi tmiem l-ewwel jum tat-Tridu.

**06.30pm:** Mons. Felix Tabone, vigarju parrokkjali, mexxa l-Għasar Solenni tat-tieni jum tat-Tridu. Iċ-ċelebrazzjoni Ewkaristika tmexxiet mill-Kan. Emanuel Buttigieg. Il-bqija sar kollox bħall-jum ta' qabel.

**» 15 ta' Lulju**

**09.00am:** L-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona mexxa konċelebrazzjoni solenni, bis-sehem tal-kapitlu u l-kleru, b'suffraġju tal-membri tal-parroċċa li ħallew din id-dinja matul is-sena li għaddiet, fi tmiem it-tieni jum tat-Tridu.

**06.30pm:** Mons. Alfred Xuereb, it-tieni segretarju tal-Papa Benedittu XVI, mexxa l-Għasar Solenni tat-tielet u l-aħħar jum tat-Tridu. Iċ-ċelebrazzjoni Ewkaristika tmexxiet mill-Kan. George DeBrincat. Il-bqija sar kollox bħall-jum ta' qabel.

**Fil-għaxija:** Waqt il-marċ tad-Dimostrazzjoni, xħin l-istatwa ta' San Ġorġ ta' Barra kienet waslet ħdejn San Ġorġ tal-Ħaġar, l-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona bierek ix-xogħol ta' restawr u żebgħa mill-ġdid li għadu kemm saru fuq in-niċċa ta' San Ġorġ tal-Ħaġar.

**» 16 ta' Lulju**

**09.00am:** L-E.T. Mons. Ġużeppi Mercieca, Arċisqof Emeritu ta' Malta, mexxa konċelebrazzjoni pontifikali, bis-sehem tal-kapitlu u l-kleru, f'għeluq it-Tridu Mqaddes. Wara t-tqarbin tkanta t-*Te Deum*.

**06.20pm:** Il-Banda Ċittadina *La Stella* laqgħet fi Pjazza San Ġorġ lill-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex u Dekan tal-Kolleġġjata, li ġie akkumpanjat mill-kapitlu u l-kleru.

**06.30pm:** L-E.T. Mons. Mario Grech, assistit minn delegazzjoni tal-Kapitlu Katidrali, mexxa t-Translazzjoni u l-Ewwel Għasar Pontifikali tas-solennità. Ħadet sehem ukoll delegazzjoni ta' l-Ordni Sagru, Militari u Kostantinjan ta' San Ġorġ. Ġew esegwiti l-*Vespri per la Solennità di San Giorgio Martire* ta' Mons. Giuseppe Farrugia u ż-żewġ antifoni *Beatus Georgius* ta' Mro Paolo Fiammingo u Mons. Giuseppe Farrugia.

**07.45pm:** L-Arċipriet Emeritu Mons. Ġużeppi Farrugia mexxa ċ-ċelebrazzjoni Ewkaristika li tulha ġie esegwit it-*Tantum Ergo in onore di San Giorgio Martire* ta' Mons. Giuseppe Farrugia.

**» 17 ta' Lulju**

**07.00am:** L-istazzjon *ONE TV* fetaħ trasmissjoni diretta ta' jum il-Festa, li baqgħet sejra ġurnata sħiħa permezz tal-programm popolari televiżiv *Min-niċċa 'l barra*, taħt id-direzzjoni ta' Ray Azzopardi.

**08.00am:** Il-kapitlu u l-kleru akkumpanjaw lill-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex u Dekan tal-Kolleġġjata, mill-Palazz Veskovili fi Triq ir-Repubblika sal-Bażilika Ġorġjana, fejn sar il-kant tat-Terza fis-sagristija maġġuri.

**08.20am:** Il-Banda *Ite ad Joseph* tal-Qala laqgħet lill-E.T. Dr George Abela, President ta' Malta, fi Pjazza San Ġorġ bl-Innu Malti.

**08.30am:** L-E.T. Mons. Mario Grech, assistit minn rappreżentanti tal-Kapitlu Katidrali, mill-Kapitlu Lateranensi u l-kleru tal-bażilika, u membri tal-kleru sekulari u reliġjuż, mexxa l-Pontifikal tal-Festa, li fih niseġ ukoll l-omelija. L-E.T. Dr George Abela, President ta' Malta, mexxa l-ġemgħa preżenti. Tul il-pontifikal ġiet esegwita l-*Mass in D Major "Princeps Martyrum" in honour of St George* taħt id-direzzjoni tal-kompożitur tagħha u *maestro di cappella* tal-bażilika, il-Prof. Joseph Vella.

**05.00pm:** Mons. Ġużeppi Attard, Arċipriet tal-Katidral, mexxa l-aħħar Quddiesa tal-ġurnata.

**06.00pm:** L-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona mexxa ċ-ċelebrazzjoni solenni tat-Tieni Għasar tas-solennità, bis-sehem tal-kapitlu u l-kleru.

**07.00pm:** Il-Banda Ċittadina *La Stella* laqgħet il-ħruġ tal-purċissjoni pontifikali ta' San Ġorġ bl-innu reliġjuż *Georgius natus est*, mużika tal-Prof. Joseph Vella u versi tal-Kan. Joe Mejlak, u, wara, bl-eżekuzzjoni ta' l-innu l-kbir immortali *A San Giorgio Martire*, mużika ta' Giuseppe Giardini Vella u versi tal-Prof. Luigi Billion.

**07.30pm:** Bdiet timmarċja l-purċissjoni pontifikali, immexxija minn Mons. Pawlu Cardona, it-tieni dinjità tal-Kapitlu Ġorġjan, assistit minn rappreżentanti tal-Kapitlu Katidrali, u bis-sehem tal-kapitlu u l-kleru tal-bażilika, l-ordnijiet reliġjużi tal-Belt Victoria, is-seminaristi tad-djoċesi u l-fratellanzi tal-bażilika. Il-Banda Ċittadina u Dekana *La Stella* akkumpanjat b'marċi reliġjużi.

**10.00pm:** Il-purċissjoni bdiet dieħla lura fil-bażilika, hekk kif l-istatwa ta' San Ġorġ ġiet akkumpanjata mid-daqq ta' l-innu popolari *Lill-Kbir Matri San Ġorġ*, mużika ta' Vincenzo Ciappara u versi ta' Patri Akkursju Xerri OFM, fost iċ-ċapċip u l-entużjażmu tal-Ġorġjani Għawdxin, u folol ta' Maltin u barranin preżenti fi Pjazza San Ġorġ.

**10.30pm:** L-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona mexxa l-aħħar ċelebrazzjoni tal-Festa, li kienet tinkludi l-kant ta' l-Antifona u l-Barka Ewkaristika. Wara, l-Arċipriet għamel ir-ringrazzjamenti dovuti lil dawk kollha li għenu fl-organizzazzjoni tal-Festa.

**» 22-28 ta' Lulju**

L-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona mexxa pellegrinaġġ parrokkjali fil-belt ta' Lourdes.

**» 25 ta' Lulju**

**08.30am:** Fetħet l-iskeda ridotta tas-Sajf ta' l-istazzjon komunitarju *Leħen il-Belt Victoria*.

**» 27 ta' Lulju**

**07.30pm:** Saret ħarġa u ikla r-Ramla għall-grupp ta' l-abbatini.

**» 29 ta' Lulju**

**06.00pm:** Dun Simon M. Cachia ċċelebra Quddiesa għall-membri tal-grupp ta' l-adolexxenti tal-parroċċa fil-kappella tal-Kunċizzjoni fil-Qala u wara kellhom għawma u barbikju għalihom fil-bajja ta' Ħondoq ir-Rummien.

**» 31 ta' Lulju**

**11.00am:** Is-saċerdot novell Dun John Meilak, mill-parroċċa tal-Katidral, mexxa konċelebrazzjoni solenni ta' radd il-ħajr għad-don tas-saċerdozju, bis-sehem tal-kapitlu u l-kleru. Kanta l-Kor *Laudate Pueri*, u l-priedka ta' l-okkażjoni għamilha Mons. Anton Borg, vigarju parrokkjali.

**07.30pm:** Il-Kor *Laudate Pueri* flimkien ma' l-orkestra, taħt id-direzzjoni tal-Prof. Joseph Vella, esegwew il-*Mass in D Major "Princeps Martyrum" in honour of St George* fil-knisja parrokkjali tas-Salvatur, Ħal Lija, fl-okkażjoni tal-ħamsa u għoxrin anniversarju presbiterali ta' Mons. Charles Scicluna, Promutur tal-Ġustizzja fil-Kongregazzjoni tad-Duttrina tal-Fidi.

... jaqbad minn paġna 24

*Leħen il-Belt Victoria*, ma' l-għażla tad-disinjaturi bdew konsultazzjonijiet fuq l-aqwa mod kif jintużaw bl-iktar mod effiċjenti – u "modern" – l-ispazji disponibbli. Żjara oħra minn wieħed minnhom seħħet mill-10 ta' Lulju. Kienet propjament *"working holiday"* li kkonvinċejnieh bla wisq tbatija jinkludilha l-Festa; u altru milli ma ddispjaċihx! L-ewwel nett kien hemm in-naħa "professjonali", għax seta' japprezza fil-prattika xi tfisser din il-ġimgħa li tant kellimnieh fuqha u li kien qabel li għandha tingħata enfasi awdjoviżiva. U "umanament" verament impressjona ruħu bit-tiżjin mat-toroq u l-pjazez, bil-parteċipazzjoni qawwija u bil-livell taċ-ċelebrazzjonijiet.

Iżda ma ħallejnihx jiddeverti biss! Fil-fatt, barra diskussjonijiet informali, kellna tliet laqgħat twal miegħu biex niffinalizzaw – wara riflessjoni bir-reqqa – id-disinni. Għax la ħuma u lanqas aħna ma nikkuntentaw ħlief bl-aqwa! Fil-fatt erġajna anki dorna mal-post, u komplejna nirfinaw u ntejbu. U ftehemna kif sa nwettqu s-"sinsla" jew kolonna ċentrali, li tant ġibdet l-għajn; u issa bdejna nakkwistaw il-materjal għaliha. Malli mbagħad irritorna lejn l-Ingilterra, lesta l-pjanti biex it-tekniċi min-naħa tagħna – imqabbdin u voluntiera – jibnu d-dokumenti meħtieġa għas-sejħat marbuta ma' affarijiet bħal ilma, elettriku u saqaf; b'dawn it-tlieta rrid ninkludi tant oħrajn.

Iva, issa sa jkollna diversi għażliet x'nagħmlu għal bosta servizzi u għall-akkwist ta' apparat. Allura l-infiq sa jkun qawwi ukoll. Hu veru li 85% tal-ispejjeż eliġibbli jħallashomlna l-programm tal-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp Reġjonali, bi flus kemm mill-Unjoni Ewropea u kemm nazzjonali; hu veru ukoll li akkwistajna għajnuna mill-Fond ta' Kofinanzjament tas-Segretarjat Parlamentari għall-Konsumaturi, Kompetizzjoni, Kunsilli u Konsultazzjoni. Iżda mingħajrkom ma nistgħux naslu! Diġà kontu numru mdaqqas dawk li lqajtu s-sejħa għall-iskema *€150 agħmilhom elf*, bi sħubija għal għomorkom fil-Fondazzjoni u dħul b'xejn fil-Mużew; ħadtu sehem ukoll fl-okkażjonijiet ta' *fundraising* li l-Ħbieb bdew jorganizzaw. Allura nkompli nħeġġeġ għall-imitazzjoni! B'hekk verament tkunu tistgħu tgħidu b'sodisfazzjon – u kburija – li dan il-Mużew "tiegħi"!

Rebħa l-ħolma ta' l-anġli henjin
u tagħna lkoll illi għadna mexjin,
rebħa li l-ġieħ tgħolli tal-qaddisin
u fosthom Ġorġi, għax miegħu mgħannqin.





Festa mżewqa ta' lwien u murtali
bik fil-bieb, bl-għajnejn fuqek imdemmgħa,
kull qalb togħxa, mifdija bl-Imħabba,
għax fik tilmaħ tal-ħażen it-temma.




F'għajta waħda tinfexx għalenija
dik li ġġib l-isem tiegħek, dil-ġemgħa,
għax int b'sebħek minn dejjem żejjintha
u ħabbartha ma' rjieħet is-sema.





Tixgħel ruħna bi ġmielek, o Ġorġi,
xhud mill-aqwa ta' mħabba żonqrija,
lill-kbir Alla b'inċens jitla' ġieħek
miġbur f'għanja għalik, f'sinfonija.